

Il-Ġurnal Ufficijali L 305 tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 65

25 ta' Novembru 2022

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

★ Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2300 tat-30 ta' Awwissu 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni għall-programm Fiscalis għall-kooperazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni	1
★ Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2301 tat-23 ta' Novembru 2022 li jistabbilixxi t-trajettorja għall-mili b'miri intermedjarji għall-2023 għal kull Stat Membru b'faċilitajiet tal-hżein tal-gass taħt l-art fit-territorju tiegħu u interkonnessi direttament maż-żona tas-suq tiegħu (¹)	5
★ Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2302 tat-23 ta' Novembru 2022 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95 fir-rigward tal-ifissar tal-prezzijiet rappreżentativi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u l-bajd u għall-albumina tal-bajd	9
★ Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2303 tal-24 ta' Novembru 2022 li jemenda r-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2019/1780 li jistabbilixxi formoli standard għall-publikazzjoni ta' avviżi fil-qasam tal-akkwist pubbliku (¹)	12
★ Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2304 tal-24 ta' Novembru 2022 li jaħtar il-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għad-deni tal-Wied tar-Rift (¹)	51
★ Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2305 tal-24 ta' Novembru 2022 li jgħedded l-approvazzjoni tas-sustanza attiva b'riskju baxx żejt tal-ħuta f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (¹)	53

(¹) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

DEĊIJONIJIET

- ★ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2306 tat-23 ta' Novembru 2022 dwar l-għoti ta' derogi lil ċerti Stati Membri b'rabta mat-trażmissjoni tal-istatistika skont ir-Regolament (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-istatistika dwar il-faċilitajiet tas-saħħa, ir-riżorsi umani tal-kura tas-saħħa u l-użu tal-kura tas-saħħa (*notifikata bid-dokument C(2022) 8341*) (¹) 58
- ★ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2307 tat-23 ta' Novembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/179 fir-rigward tad-deżinjazzjoni u d-disponibbiltà tal-baned tal-frekwenzi 5 150-5 250 MHz, 5 250-5 350 MHz u 5 470-5 725 MHz skont il-kundizzjonijiet tekniċi stabbiliti fl-Anness (*notifikata bid-dokument C(2022) 8313*) (¹) 63

(¹) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

(Attie mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2300**tat-30 ta' Awwissu 2022**

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni għall-programm Fiscalis għall-kooperazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-programm "Fiscalis" għall-kooperazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1286/2013 (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(2) tiegħu,

Billi:

- (1) L-indikaturi għar-rapportardwar il-progress tal-programm Fiscalis kif stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/847 ("il-Programm") lejn il-kisba tal-objettivi spċifici stabbiliti fl-Artikolu 3(2) ta' dak ir-Regolament huma elenkti fl-Anness II tar-Regolament.
- (2) Għalkemm l-indikaturi elenkti fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/847 huma adattati għall-fini ta' monitoraġġ annwali tal-prestazzjoni, ma jippermettux monitoraġġ u evalwazzjoni komprensivi tal-aktivitajiet u tar-riżultati tal-Programm fil-kisba tal-objettivi spċifici tiegħu. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti indikaturi addizzjonali bħala parti mill-qafas ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni. Jenħtieġ li dawk l-indikaturi addizzjonali jkej lu l-outputs, ir-riżultati u l-impatti tal-Programm.
- (3) Biex jiġi żgurat li d-data għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni tal-Programm tingħabar b'mod effiċjenti, b'mod effettiv u fil-ħin, jenħtieġ li jiġi imposti rekwiżiti ta' rapportar proporzjonati biex jiġi evitat ir-rapportar doppju u jittaffa l-piż amministrattiv.
- (4) Sabiex jiġi żgurat allinjament mal-bidu tal-perjodu ta' rapportar marbut mal-qafas ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni tal-Programm, jenħtieġ li dan ir-Regolament Delegat japplika b'mod retroattiv, mill-1 ta' Jannar 2022,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Indikaturi tal-qafas ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni u r-rekwiżiti ta' rapportar

1. Meta jiġi mmonitorjat u evalwat il-Programm f'konformità mal-Artikoli 14 u 15 tar-Regolament (UE) 2021/847, l-indikaturi li ġejjin għandhom jintużaw bħala parti mill-qafas ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni:
 - (a) l-indikaturi stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/847;
 - (b) l-indikaturi stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament, li jkej lu l-outputs, ir-riżultati u l-impatti tal-Programm.

¹) ĠU L-188, 28.5.2021, p. 1.

2. L-indikaturi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jitkejlu kull sena, għajr l-indikaturi tal-impatt imsemmija fil-punti (1)(a) u (3) tal-Anness ta' dan ir-Regolament li għandhom jitkejlu kull sentejn u bħala parti mill-evalwazzjonijiet *interim* u finali, fkonformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2021/847.

3. Meta meħtieġ mill-Kummissjoni, ir-riċevituri tal-fondi tal-Programm għandhom jipprovd lill-Kummissjoni bid-data u l-informazzjoni relatati mal-indikaturi msemmija fil-paragrafu 1, li huma rilevanti għall-fini li jikkontribwixxu għall-qafas ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Awwissu 2022.

*Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN*

ANNESS

**List ta' indikaturi addizzjonali fir-rigward tal-qafas ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni tal-Programm
Fiscalis imsemmi fl-Artikoli 14 u 15 tar-Regolament (UE) 2021/847**

A. Indikaturi tal-output

- (1) Żvilupp tal-komponenti komuni tas-Sistemi Elettroniċi Ewropej (EES):
 - (a) in-numru ta' proġetti tat-teknoloġija tal-informazzjoni (IT) fil-fażi tal-bidu;
 - (b) in-numru ta' proġetti tal-IT fil-fażi tal-eżekuzzjoni;
 - (c) il-proporzjon tal-proġetti tal-IT li l-kost reali tagħhom huwa kif ippjanat;
 - (d) il-proporzjon tal-proġetti tal-IT bi status “ekoloġiku” f'konformità mar-rekwiżiti previsti fil-Pjan Strateġiku Pluriennali dwar it-Tassazzjoni (MASP-T).
- (2) Twettiq tal-komponenti komuni tal-EES:
 - (a) in-numru ta' proġetti tal-IT rilaxxati għall-produzzjoni kif meħtieġ skont id-dritt tal-Unjoni;
 - (b) il-proporzjon tal-komponenti komuni tal-EES imwettqa skont l-iskeda ta' żmien tal-MASP-T;
 - (c) in-numru ta' reviżjonijiet li saru fl-iskedi ta' żmien għat-twettiq tal-komponenti komuni tal-EES.
- (3) Affidabbiltà tal-EES (il-kapaċità tan-Network Komuni ta' Komunikazzjoni).
- (4) Affidabbiltà tas-servizzi ta' appoġġ tal-IT:
 - (a) il-proporzjon tal-biljetti ta' “inċidenti” riżolti fil-ħin;
 - (b) is-sodisfazzjon tal-utent bis-servizzi ta' appoġġ ipprovduti.
- (5) Livell ta' appoġġ għall-bini tal-kapaċità pprovdut permezz ta' azzjonijiet kollaborattivi (kwalità tal-azzjonijiet kollaborattivi).
- (6) Grad ta' sensibilizzazzjoni dwar il-Programmi.

B. Indikaturi tar-riżultati:

- (1) Livell ta' koerenza tal-leġiżlazzjoni u l-politika tat-tassazzjoni u l-implementazzjoni tagħhom (il-kontribut tal-komponenti komuni l-ġodda tal-EES għall-faċilitazzjoni ta' implementazzjoni koerenti tad-dritt u l-politika tal-Unjoni).
- (2) Użu tal-EES ewlenin li għandhom l-għan li jżidu l-interkonnnettività u l-iskambju ta' informazzjoni (in-numru ta' messaġġi skambjati minn sistema għal sistema).
- (3) Livell ta' kooperazzjoni operazzjonali bejn l-awtoritajiet nazzjonali:
 - (a) il-kontribut tal-komponenti komuni l-ġodda tal-EES għall-faċilitazzjoni tal-kooperazzjoni operazzjonali bejn l-awtoritajiet nazzjonali;
 - (b) in-numru ta' utenti attivi fuq il-pjattaforma ta' kollaborazzjoni online;
 - (c) in-numru ta' interazzjonijiet fuq il-pjattaforma kollaborattiva;
 - (d) is-sodisfazzjon tal-utenti bil-pjattaforma ta' kollaborazzjoni online.
- (4) Prestazzjoni operazzjonali tal-awtoritajiet nazzjonali:
 - (a) il-kontribut tal-komponenti komuni l-ġodda tal-EES għat-titjib tal-prestazzjoni operazzjonali tal-awtoritajiet nazzjonali;
 - (b) il-kontribut tal-outputs tal-azzjonijiet kollaborattivi u ta' kompetenza umana għat-titjib tal-prestazzjoni operazzjonali tal-awtoritajiet nazzjonali.

C. *Indikaturi tal-impatt*

- (1) Evoluzzjoni tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji u ekonomiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri:
 - (a) id-diskrepanza stmata fit-taxxa fuq il-valur miżjud;
 - (b) il-kontribut tal-kooperazzjoni amministrattiva għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Istati Membri.
 - (2) Kontribut għat-tisħiħ tal-funzjonament tas-suq intern (numru ta' każijiet ta' qabel il-ksur u ta' ksur b'rabta mat-tassazzjoni).
 - (3) Evoluzzjoni tal-kompetittività tal-Unjoni u tal-kompetizzjoni ġusta fi ħdan l-Unjoni (il-mili minn qabel tad-dikjarazzjonijiet jew tal-valutazzjonijiet tat-taxxa).
-

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2301

tat-23 ta' Novembru 2022

li jistabbilixxi t-trajettorja għall-mili b'miri intermedjarji għall-2023 għal kull Stat Membru b'faċilitajiet tal-ħżin tal-gass taħt l-art fit-territorju tiegħu u interkonnessi direttament maż-żona tas-suq tiegħu

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/1938 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2017 dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà tal-provvista tal-gass u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 994/2010⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6a(7), it-tielet subparagrafu tiegħu,

Billi:

- (1) Wara l-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna u fid-dawl tal-possibbiltà ta' interruzzjoni fit-tul jew saħansitra waqfien tal-provvisti tal-gass mir-Russia, l-Unjoni ħadet inizjattivi biex iżżejjid it-tħejjija tagħha kontra tali interruzzjonijiet sabiex tipproteġi li-ċittadini u lill-ekonomija tagħha.
- (2) F'dan il-kuntest, ir-Regolament (UE) 2022/1032 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁾ ġie adottat bil-ħsieb li jiġi żgurat il-mili tal-faċilitajiet tal-ħżin tal-gass taħt l-art għall-perjodu tax-xitwa tal-2022-2023 u lil hinn.
- (3) Għall-2023 u lil hinn, is-subparagrafu 1 tal-Artikolu 6a(7) tar-Regolament (UE) 2017/1938 jipprevedi li kull Stat Membru b'faċilitajiet tal-ħżin tal-gass taħt l-art irid jibgħat lill-Kummissjoni, sal-15 ta' Settembru tas-sena ta' qabel, abbozz ta' trajettorja għall-mili b'miri intermedjarji għal Frar, Mejju, Lulju u Settembru, inkluż informazzjoni teknika, għal tali faċilitajiet fit-territorju tiegħu u interkonnessi direttament maż-żona tas-suq tiegħu fforma aggregata. It-trajettorja għall-mili u l-miri intermedji għandhom ikunu bbażati fuq ir-rata medja tal-mili matul il-ħames snin ta' qabel.
- (4) Is-subparagrafu 3 tal-Artikolu 6a(7) tar-Regolament (UE) 2017/1938 jistipula li, abbażi tal-informazzjoni teknika pprovdu minn kull Stat Membru u filwaqt li titqies il-valutazzjoni tal-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-Gass, il-Kummissjoni trid tadotta atti ta' implementazzjoni li jistabbilixxu t-trajettorja għall-mili għal kull Stat Membru sal-15 ta' Novembru tas-sena ta' qabel f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18a(2) tar-Regolament imsemmi hawn fuq. Il-Kummissjoni hija assistita minn kumitat tal-komitoloġija msemmi fl-Artikolu 18a(1) tar-Regolament (UE) 2017/1938, il-“Kumitat għall-Ħżin tal-Gass”.
- (5) Sal-15 ta' Novembru 2022 il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implementazzjoni li jistabbilixxu t-trajettorji għall-mili b'miri intermedjarji għall-2023 għall-Istati Membri b'faċilitajiet tal-ħżin tal-gass taħt l-art. Minħabba l-limiti ta' żmien għall-adozzjoni ta' dawk l-atti ta' implementazzjoni, jenħtieġ li jiġi adottat att ta' implementazzjoni uniku għall-Istati Membri kollha kkonċernati.
- (6) Fid-dawl tal-inċerzezza kbira fir-rigward tas-sitwazzjoni ġenerali tas-sigurtà tal-provvista tal-gass u l-iżvilupp tad-domanda u tal-provvista tal-gass fl-Unjoni u fl-Istati Membri individwali, ix-xenarji ta' konsum differenti skont it-temperaturi tax-xitwa, u l-livell ta' miżuri volontarji għat-tnaqqis tad-domanda implementati mill-Istati Membri abbażi tal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1369⁽³⁾, it-trajettorji għall-mili stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jinkludu miri intermedji minimi teknikament fattibbi li jippermettu lill-Istati Membri jilħqu l-mira għall-mili ta' 90 % sal-1 ta' Novembru 2023.

⁽¹⁾ ĠU L 280, 28.10.2017, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) 2022/1032 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2022 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/1938 u (KE) Nru 715/2009 fir-rigward tal-ħżin tal-gass (ĠU L 173, 30.6.2022, p. 17).

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1369 tal-5 ta' Awwissu 2022 dwar miżuri kkoordinati għal tnaqqis fid-domanda għall-gass (ĠU L 206, 8.8.2022, p. 1).

- (7) It-trajettorji għall-mili jenħtieġ li jqisu, sa fejn ikun possibbli, dawk ippreżentati mill-Istati Membri u jenħtieġ li jqisu r-rata medja tal-mili tal-Istati Membri matul il-ħames snin ta' qabel. Il-fattibbiltà teknika tal-miri intermedji stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li tqis ukoll il-kurva tal-kapaċitā ta' injezzjoni aggregata tas-siti tal-ħżin ta' kull Stat Membru. Dawk il-miri jenħtieġ li jiġu stabbiliti b'mod li jissalvagwardja s-sigurtà tal-provvista tal-gass fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jiġu evitat piżżejjiet bla bżonn fuq l-Istati Membri, il-parteċipanti fis-suq tal-gass, l-operaturi jew il-klijenti tas-sistema tal-ħżin, u mingħajr distorsjoni bla bżonn tal-kompetizzjoni bejn il-faċilitajiet tal-ħżin li jinsabu fl-Istati Membri ġirien.
- (8) Il-mira intermedja tal-1 ta' Frar 2023 hija mira intermedjarja importanti għas-sigurtà tal-provvista matul il-perjodi tax-xitwa tal-2022-2023 u tal-2023-2024. L-iffissar ta' dik il-mira għal medja minima tal-Unjoni ta' 45 % għandu l-għan li jiżgura s-sigurtà tal-provvista f'Diċembru 2022 u f'Jannar 2023 meta d-domanda għall-gass tkun għolja, filwaqt li jiġi evitat l-eżawriment tal-ħżin fi Frar u f'Marzu 2023. B'mod partikolari, jenħtieġ li tigħi pprovduta flessibbiltà fix-xhur bikrin tax-xitwa f'każ ta' xitwa li tkun iktar kiesħa mill-medja. Minkejja dan, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu ħilithom biex kollettivament jilħqu l-mili ta' 55 % tal-kapaċitā tal-faċilitajiet tal-ħżin tal-gass taħt l-art fl-Unjoni, jekk ix-xhur tax-xitwa ma jkunux iktar kesħin mill-medja.
- (9) F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1938, il-livelli tal-mili li jibqgħu sa ħames punti perċentwali taħt il-mira, jitqiesu bħala konformi mal-miri tar-Regolament (UE) 2017/1938. Fejn il-livell tal-mili ta' Stat Membru jkun iktar minn ħemes punti perċentwali taħt il-livelli tat-trajettorja għall-mili tiegħu, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tieħu miżuri effettivi minnufihi biex iżżidu. Jenħtieġ li l-Istati Membri jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-GCG b'dawn il-miżuri.
- (10) Għall-Istati Membri li jaqgħu taħt l-Artikolu 6a(3) tar-Regolament (UE) 2017/1938, jenħtieġ li l-mira għall-mili titnaqqas bil-volum li ġie pprovdut lil pajjiżi terzi matul il-perjodu ta' referenza mill-2016 sal-2021 jekk il-volum medju ipprovdut kien iktar minn 15 TWh fis-sena matul il-perjodu tal-irtirar mill-ħżin tal-gass (Ottubru – April).
- (11) Il-Kummissjoni Ewropea ħabbret l-istabbiliment tal-Pjattaforma tal-UE għax-Xiri tal-Enerġija li tipprovd, fost l-oħrajn, għax-xiri konġunt potenzjali tal-gass, arrangiement approvat mill-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tiegħu tat-30 u tal-31 ta' Mejju 2022. Ix-xiri konġunt jista' jikkontribbwixxi għal aċċess iktar ugħalli għall-impriżi madwar l-UE għal sorsi ġoddha jew alternativi tal-gass taħt kundizzjonijiet aħjar. B'mod partikolari, l-użu tal-aggregazzjoni tad-domanda jaħbi jgħid l-istagħrafha għall-ġibnejha, jippermetti, fil-limiti tad-dritt tal-kompetizzjoni, l-appoġġ għal ġestjoni kkoordinata aħjar tal-mili u tal-ħżin, u billi jgħiġ biex jiġi evitati l-ogħla żidet eċċessivi fil-prezzijiet kkawżaati, fost l-oħrajn, minn mili tal-ħżin mhux ikkoordinat.
- (12) Jenħtieġ li l-Istati Membri jilħqu l-mira għall-mili ta' 90 % tal-faċilitajiet tal-ħżin tagħħhom imsemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 6a tar-Regolament (UE) 2017/1938, inkluż, b'mod partikolari, billi jagħġeg id-domanda u jieħdu sehem f'mekkaniżmi ta' xiri konġunt, kif stabbilit fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Ottubru 2022.
- (13) Fil-mili tal-ħżin, u fid-dawl tal-isfidi għall-istaġun tal-mili fl-2023, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu l-aqwa użu mill-għodod ta' koordinazzjoni kollha disponibbli fil-livell tal-UE. L-użu tal-Pjattaforma tal-UE għax-Xiri tal-Enerġija għall-aggregazzjoni tad-domanda bil-ħsieb ta' xiri konġunt potenzjali tal-gass jista' jikkontribbwixxi għal koordinazzjoni aħjar tal-mili tal-ħżin. Pereżempju, jenħtieġ li l-Istati Membri jħejju ruħhom digħi biex jipparteċipaw fl-aggregazzjoni tad-domanda b'volumi mill-inqas ugħalli għal 15 % tal-volum totali meħtieġ biex tintlaħhaq il-mira ta' 90 %.
- (14) Jenħtieġ li t-trajettorji għall-mili jqisu wkoll il-valutazzjoni tal-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-Gass li ġie kkonsultat matul il-laqgħa tiegħu tal-21 ta' Ottubru 2022.
- (15) Meta titqies il-ħtieġa li jiġi stabbiliti t-trajettorji għall-mili għall-2023 sal-15 ta' Novembru 2022, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-publikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
- (16) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ħżin tal-Gass.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Trajettorji għall-mili għall-2023

It-trajettorji għall-mili b'miri intermedji għall-2023 għall-Istati Membri b'faċilitajiet tal-ħażin taħt l-art fit-territorju tagħhom u interkonnessi direttament maż-żona tas-suq tagħhom huma stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-publikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Novembru 2022.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Trajettorji għall-mili b'miri intermedji għall-2023 għall-Istati Membri b'faċilitajiet tal-ħażin tal-gass taħbi l-art⁽¹⁾

Stat Membru	Mira intermedja tal-1 ta' Frar	Mira intermedja tal-1 ta' Mejju	Mira intermedja tal-1 ta' Lulju	Mira intermedja tal-1 ta' Settembru
AT	49 %	37 %	52 %	67 %
BE	30 %	5 %	40 %	78 %
BG	45 %	29 %	49 %	71 %
CZ	45 %	25 %	30 %	60 %
DE	45 %	10 %	30 %	65 %
DK	45 %	40 %	60 %	80 %
ES	59 %	62 %	68 %	76 %
FR	41 %	7 %	35 %	81 %
HR	46 %	29 %	51 %	83 %
HU	51 %	37 %	65 %	86 %
IT	45 %	36 %	54 %	72 %
LV	45 %	41 %	63 %	90 %
NL	49 %	34 %	56 %	78 %
PL	45 %	30 %	50 %	70 %
PT	70 %	70 %	80 %	80 %
RO	40 %	41 %	67 %	88 %
SE	45 %	5 %	5 %	5 %
SK	45 %	25 %	27 %	67 %

⁽¹⁾ L-Anness huwa soġġett għall-obbligli *pro rata* ta' kull Stat Membru skont ir-Regolament (UE) 2017/1938, b'mod partikolari l-Artikoli 6a, 6b u 6c tiegħi. Għall-Istati Membri li jaqgħu taħbi l-Artikolu 6a(2), il-mira intermedja *pro rata* għandha tiġi kkalkolata billi l-valur indikat fit-tabella jiġi mmultiplikat bil-limittu ta' 35 % u billi r-riżultat jiġi diviż b'90 %.

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2302**tat-23 ta' Novembru 2022**

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95 fir-rigward tal-ifissar tal-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u l-bajd u għall-albumina tal-bajd

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieg fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 922/72, (KE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 183(b) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali applikabbi għal-ċerti prodotti li jirriżultaw mill-iproċċessar tal-prodotti agrikoli u jħassar r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1216/2009 u (KE) Nru 614/2009 (²), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(6)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1484/95 (³) stabbilixxa regoli dettaljati għall-implementazzjoni ta' sistema ta' dazji addizzjonal fuq l-importazzjoni u ffissa l-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd.
- (2) Minn kontroll regolari tad-data, li abbażi tagħha jiġu stabbiliti l-prezzijiet rappreżentattivi għall-prodotti tas-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd, jirriżulta li jenħtieġ li jiġu emendati l-prezzijiet rappreżentattivi għall-importazzjonijiet ta' ġerti prodotti filwaqt li jitqiesu l-varazzjonijiet fil-prezzijiet skont l-oriġini.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1484/95 jiġi emendat skont dan.
- (4) Biex ikun żgurat li din il-miżura tapplika kemm jista' jkun malajr wara li d-data aġġornata ssir disponibbli, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-publikazzjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1484/95 huwa sostitwit bit-test li jinsab fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-publikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

(¹) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

(²) ĠU L 150, 20.5.2014, p. 1.

(³) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1484/95 tat-28 ta' Ġunju 1995 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implementazzjoni ta' sistema ta' dazji addizzjonal fuq l-importazzjoni u jiffissa dazji addizzjonal tal-importazzjoni fl-oqsma tal-laħam tat-tjur u l-bajd u għall-albumina tal-bajd, u jħassar ir-Regolament Nru 163/67/KEE (ĠU L 145, 29.6.1995, p. 47).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Novembru 2022.

*Għall-Kummissjoni
F'issem il-President,
Wolfgang BURTSCHER
Direttur Ċonvenzjoni
Direktorat Ġenerali tal-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

ANNESS

"ANNESS I

Kodiċi tan-NM	Deskriżzjoni tal-oġġetti	Prezz rappreżentativ (€EUR/100 kg)	Garanzija msemmija fl-Artikolu 3 (€EUR/100 kg)	Orīġini (l)
0207 14 10	Qatħaqt mingħajr għadam ta' tjur tal-ispeċi <i>Gallus domesticus</i> , iffriżati	380,0	0	TH"

(l) In-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/1470 tat-12 ta' Ottubru 2020 dwar in-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji għall-istatistika Ewropea dwar il-kummerċ internazzjonali tal-merkanzija u dwar it-tqassim ġeografiku għal statistika oħra tan-negozju (ĠU L 334 13.10.2020, p. 2).

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2303**tal-24 ta' Novembru 2022****li jemenda r-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2019/1780 li jistabbilixxi formoli standard għall-pubblikazzjoni ta' avviżi fil-qasam tal-akkwist pubbliku**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritatiet jew entitajiet kontraenti fl-oqisma tad-difīza u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 32(1), l-Artikolu 52(2) u l-Artikolu 64 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (²), u b'mod partikolari l-Artikolu 33(1) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (³), u b'mod partikolari l-Artikolu 51(1), l-Artikolu 75(3) u l-Artikolu 79(3) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (⁴), u b'mod partikolari l-Artikolu 71(1), l-Artikolu 92(3) u l-Artikolu 96(2), l-ewwel subparagrafu, tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Id-Direttiva tal-Kunsill 89/665/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar il-koordinazzjoni tal-ligħijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' reviżjoni għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi (⁵), u b'mod partikolari l-Artikolu 3a tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Id-Direttiva tal-Kunsill 92/13/KEE tal-25 ta' Frar 1992 li tikkoordina l-ligħijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw għall-applikazzjoni tar-regoli Komunitarji dwar il-proċeduri ta' akkwist ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u t-telekomunikazzjoni (⁶), u b'mod partikolari l-Artikolu 3a tagħha,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv dwar l-Akkwist Pubbliku,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1780 (⁷) jistabbilixxi l-formoli standard (Formoli Elettroniċi) għall-pubblikazzjoni ta' avviżi fil-qasam tal-akkwist pubbliku. Għandu jissostitwixxi r-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1986 (⁸) sabiex il-formoli standard stabbiliti f'dak ir-Regolament jiġu adattati għat-trafazzjoni diġitali.

(⁷) ĠUL 216, 20.8.2009, p. 76.

(⁸) ĠUL 94, 28.3.2014, p. 1.

(⁹) ĠUL 94, 28.3.2014, p. 65.

(⁹) ĠUL 94, 28.3.2014, p. 243.

(⁹) ĠUL 395, 30.12.1989, p. 33.

(⁹) ĠUL 76, 23.3.1992, p. 14.

(⁹) Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1780 tat-23 ta' Settembru 2019 li jistabbilixxi formoli standard għall-pubblikazzjoni ta' avviżi fil-qasam tal-akkwist pubbliku u li jħassar ir-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2015/1986 (Formoli Elettroniċi) (ĠUL 272, 25.10.2019, p. 7).

(⁹) Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1986 tal-11 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi formoli standard għall-pubblikazzjoni ta' avviżi fil-qasam tal-akkwist pubbliku u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 842/2011 (ĠUL 296, 12.11.2015, p. 1).

- (2) Sabiex tgħin lill-Istati Membri fl-obbligi ta' rappurtar tagħhom skont id-Direttiva 2009/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (⁹), il-Kummissjoni għandha tippubblika ġerta informazzjoni dwar il-vetturi nodfa billi timmonitorja d-data rilevanti disponibbli permezz tal-bażi tad-data Tenders Electronic Daily (TED) f'konformità mad-Direttivi 2014/24/UE u 2014/25/UE. Fid-dawl tal-emendi reċenti għad-Direttiva 2009/33/KE (¹⁰), hemm bżonn ta' informazzjoni aktar dettaljata fl-avviżi ta' għoti. Tali informazzjoni se tippermetti rapportar komprensiv dwar il-vetturi b'emissionijiet baxxi jew żero u vetturi bi fuw alternativi oħra, u b'hekk tiffaċilita l-attivitàet ta' monitoraġġ skont it-TED u r-rapportar tal-Istati Membri. Għalhekk jenħtieġ li l-formoli standard jiġu adattati biex jinkludu kamp tad-data fakultattivi addizzjonali għall-kategorija tal-vettura, ir-referenza legali applikabbli u indikatur biex jiġi kkonfermat jekk il-proċedura taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/33/KE.
- (3) Sabiex jiġi żgurat l-allinjament tal-politika tal-formoli standard mal-objettivi ambjentali tal-Unjoni u fl-interess taċ-ċarezza u l-konsistenza tar-rapportar, filwaqt li jitqiesu l-ħtieġi tal-Istati Membri, il-kamp tad-data għall-Akkwist Ekoloġiku jenħtieġ li jiġi aġġornat u l-qasam tad-data għall-Akkwist Innovattiv jenħtieġ li jiġi ssimplifikat.
- (4) Il-formoli standard jenħtieġ ukoll li jiġu aġġustati u mtejba fxi aspetti li ġew identifikati mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni matul il-proċess li wassal għall-adozzjoni tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2019/1780, bħad-deskrizzjoni ta' ċerti termini tan-negozju u l-applikazzjoni ta' tali termini.
- (5) Sabiex ikun hemm tranżizzjoni teknika bla xkiel, l-Istati Membri jeħtieġu ż-żmien biex iħejju għall-użu tal-formoli standard il-għodda. Sabiex jiġi ċċarat li, għal-ċertu perjodu ta' żmien, jistgħu jintużaw kemm il-formoli standard stabbiliti bir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2015/1986 kif ukoll dawk stabbiliti bir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2019/1780, jenħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjoni jiet tranżizzjoni. Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, id-data tat-tħassir tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2015/1986 jenħtieġ li tiġi allinjata mad-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/1780.
- (6) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2019/1780 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2019/1780 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 3

Tħassir

Ir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2015/1986 jitħassar b'effett mill-14 ta' Novembru 2022.”;

- (2) Jiddaħħal l-Artikolu 3a li ġej:

“Artikolu 3a

Dispożizzjoni tranżizzjoni

Mill-14 ta' Novembru 2022 sal-24 ta' Ottubru 2023, kemm il-formoli stabbiliti b'dan ir-Regolament kif ukoll dawk stabbiliti bir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2015/1986 jistgħu jintużaw għall-publikazzjoni ta' avviżi *Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea*;;

- (3) L-Anness huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

(⁹) Id-Direttiva 2009/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-vetturi nodfa tat-trasport bit-triq b'appoġġ għall-mobbiltà b'emissionijiet baxxi (ĠU L 120 15.5.2009, p. 5).

(¹⁰) Id-Direttiva (UE) 2019/1161 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li temenda d-Direttiva 2009/33/KE dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċċienti fl-użu tal-enerġija (ĠU L 188, 12.7.2019, p. 116).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Novembru 2022.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Fl-Anness, it-Tabella 2 hija sostitwita b'dan li ġej:

“Tabella 2

Entrati fil-formoli standard u fl-avviżi

++	BT-749	Isem il-Kriterji tal-Għażla	Test	L-isem tal-kriterju (jew tal-kriterji) tal-ġhażla.				O O																
++	BT-750	Deskrizzjoni tal-Kriterji tal-Għażla	Test	Id-deskrizzjoni qasira tal-kriterju (jew tal-kriterji) tal-ġhażla, inkluż ir-rekwiżiti minimi, l-informazzjoni meh tiegħa (eż. l-awtodiċjarazzjoni, id-dokumentazzjoni) u kif il-kriterju jew il-kriterji se jintuża(w) biex jingħażlu l-kandidati li jridu jiġu mistiedna għat-tieni stadju tal-proċedura (jekk ikun ġie stabbilit numru massimu ta' kandidati).				M M M M M M M M M M M M M M M M M M																
++	BT-40	Kriterji tal-Ġażla tal-Istedina għat-Tieni Stadju	Indika-tur	Il-kriterju (jew il-kriterji) se jintuża(w) (biss) biex jingħażlu l-kandidati li jridu jiġu mistiedna għat-tieni stadju tal-proċedura (jekk ikun ġie stabbilit numru massimu ta' kandidati).				O O O O O O O O O M M M M M M M M M M M																
++	BG-72	Numru Marbut mal-Kriterji tal-Ġażla tal-Istedina għat-Tieni Stadju	-	Informazzjoni dwar numru marbut mal-kriterju (jew mal-kriterji) tal-ġhażla li ntużaw għall-ġhażla tal-kandidati li jridu jiġu mistiedna għat-tieni stadju tal-proċedura.				O O O O O O O O O O O O O O O O O O																
+++	BT-752	Numru Marbut mal-Kriterji tal-Ġażla tal-Istedina għat-Tieni Stadju	Numru	Numru marbut mal-kriterju (jew mal-kriterji) tal-ġhażla.				O O O O O O O O O O O O O O O O O O																
+++	BT-7531	Ponderazzjoni tan-Numru Marbut mal-Kriterji tal-Ġażla tal-Istedina għat-Tieni Stadju	Kodiċi	Jekk in-numru marbut ma' kriterju (jew ma' kriterji) tal-ġhażla huwiex tip ta' ponderazzjoni (eż. persentaġġ).				O O O O O O O O O O O O O O O O O O																
+++	BT-7532	Livell limitu tan-Numru Marbut mal-Kriterji tal-Ġażla tal-Istedina għat-Tieni Stadju	Kodiċi	Jekk in-numru marbut ma' kriterju (jew ma' kriterji) tal-ġhażla huwiex tip ta' livell limitu (eż. punteġġ minnu, numru massimu ta' offerti bl-ogħla punteġġ li jgħaddu).				O O O O O O O O O O O O O O O O O O																

+	BG-711	Termini Kuntrattwali	-	Informazzjoni dwar it-termini li jirregolaw il-kuntratt futur. Din l-informazzjoni tista' tvarja għal kull lott. F'każ ta' avviż informattiv minn qabel li ntuża għall-informazzjoni biss, din l-informazzjoni tista' tvarja għal kull parti mill-avviż li iktar tard tista' ssir lott jew proċedura awtonoma.		O O O M M M M M M M M M M M M M M M M M																					O O O	
++	BT-736	Eżekuzzjoni Riżervata	Kodiċi	Jekk l-eżekuzzjoni tal-kuntratt tridx issir fil-qafas ta' programmi ta' impieg protett.		O O O M M M M M M M M M M M M M M M M M																					O O O	
++	BT-761	Forma Ġuridika tal-Offerent	Indika-tur	Grupp ta' offerenti li jingħataw kuntratt irid ikollhom ġċertu forma ġuridika.		O O O O O O O O O O O O O O M M O O O O																					O O O	
++	BT-76	Deskrizzjoni tal-Forma Ġuridika tal-Offerent	Test	Il-forma legali li jrid ikollhom grupp ta' offerenti li jingħataw kuntratt.		O O O O O O O O O O O O O O M M O O O O																					O O O	
++	BT-70	Twettiq tat-Termini	Test	L-informazzjoni prinċipali dwar it-twettiq tal-kuntratt (eż. ir-riżultati intermedjarji, il-kumpens għad-danni, id-drittijiet tal-proprietà intellettuali).		O O O O O O O O O O O O O O M M O O O M																					O O O	
++	BT-92	Ordni Elettronika	Indika-tur	Se tintuża ordni elettronika.		O O O O O O O O O O O O O O M O O O O O O																					O O O	
++	BT-77	Termini Finanzjarji	Test	L-informazzjoni prinċipali dwar il-finanzjament u l-pagament u/jew referenza għal kwalunkwe dispożizzjoni li tirregolahom.		O O O O O O O O O O O O O O M M O O O M																					O O O	
++	BT-743	Fatturazzjoni Elettronika	Kodiċi	Jekk ix-xerrej huwiex se jirrikjedi, jippermetti jew ma jippermettix fatturi elettroniċi.		O O O O O O O O O O O O O O M O O O O O O																					O O O	
++	BT-93	Pagament Elettroniku	Indika-tur	Se jintuża pagament elettroniku.		O O O O O O O O O O O O O O M O O O O O O																					O O O	
++	BT-65	Obbligu ta' Sottokuntrattar	Kodiċi	Obbligu li jrid jiġi rrispettat mill-offerent rigward is-sottokuntrattar.		O															M							

++	BT-64	Obbligu Minimu ta' Sottokuntrattar	Numru	Il-persentaġġ minimu tal-valur tal-kuntratt li l-kuntrattur irid jissottokuntratta billi juża l-proċedura kompetitiva deskritta fit-Titolu III tad-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.				O			M																				
++	BT-729	Obbligu Massimu ta' Sottokuntrattar	Numru	Il-persentaġġ massimu tal-valur tal-kuntratt li l-kuntrattur irid jissottokuntratta billi juża l-proċedura kompetitiva deskritta fit-Titolu III tad-Direttiva 2009/81/KE.				O			M																				
+	BG-707	Kriterji għall-Għoti	-	Informazzjoni dwar il-kriterji għall-għoti. Din l-informazzjoni tista' tvarja għal kull lott.				O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	M	O	M	M	O	O	O	O		
++	BG-38	Kriterju għall-Għoti	-	Informazzjoni dwar il-kriterju għall-għoti.				O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	M	O	M	M	O	O	O	O	
+++	BT-539	Tip ta' Kriterju għall-Għoti	Kodiċi	Jekk il-kriterju huwiex dwar il-prezz, il-kost jew attribut mhux marbut mal-prezz u mal-kost tal-offerta. (Il-prezz huwa l-prezz tal-akkwist; il-kost huwa kwalunkwe kriterju monetarju ieħor mhux marbut mal-prezz.)				O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	M	O	M	M	O	O	O	O	
+++	BT-734	Isem il-Kriterju għall-Għoti	Test	L-isem tal-kriterju għall-għoti.				O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	
+++	BT-540	Deskrizzjoni tal-Kriterju għall-Għoti	Test	Id-deskrizzjoni tal-kriterju għall-għoti.				O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	M	O	M	M	O	O	O	O
+++	BG-541	Numru tal-Kriterju għall-Għoti	-	Informazzjoni dwar numru marbut ma' kriterju għall-għoti.				O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	M	O	M	M	O	O	O	O
++++	BT-541	Numru tal-Kriterju għall-Għoti	Numru	Numru marbut ma' kriterju għall-għoti.				O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	M	O	M	M	O	O	O	O
++++	BT-5421	Ponderazzjoni tan-Numru tal-Kriterju għall-Għoti	Kodiċi	Jekk in-numru marbut ma' kriterju għall-għoti huwiex tip ta' ponderazzjoni (eż. persentaġġ).				O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	M	O	M	M	O	O	O	O
++++	BT-5422	Numru Fiss tal-Kriterju għall-Għoti	Kodiċi	Jekk in-numru marbut ma' kriterju għall-għoti huwiex valur fiss (eż. prezz fiss, kost fiss).				O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	O	M	O	M	M	O	O	O	O

++	BT-18	URL għat-Tressiq	URL	L-indirizz tal-Internet għat-tressiq tal-offerti, tat-talbiet għall-partċipazzjoni, jew tal-espressjonijiet ta' interess b'mezzi eletroniċi. L-indirizz għandu jkun dirett kemm jiġi jkun (idealmente indirizz apposta għat-tressiq elettroniku, mhux sit web ġenerali biss).				O O O M M O O O O M M O O O O O O O								
++	BT-97	Lingwa tat-Tressiq	Kodiċi	Lingwa li biha jistgħu jitressqu l-offerti, it-talbiet għall-partċipazzjoni, jew l-espressjonijiet ta' interess.				M M M M M M M M O M M M M M M O O								
++	BT-764	Katalogu Elettroniku għat-Tressiq	Kodiċi	Jekk l-offerenti humiex meħtieġa, jitħallewx jew ma jitħallewx iressqu l-offerti (jew partijiet minn hom) bħala katalogi elettroniċi.				O O O O O O O O O M M O O O O O O								
++	BT-744	Firma Elettronika għat-Tressiq	Indikatur	Il-firma elettronika avvanzata jew kwalifikata jew is-siġill (kif definit fir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) hija meħtieġa.				O O O O O O O O O O O O O O O O O O								
++	BT-63	Varjanti	Kodiċi	Jekk l-offerenti humiex meħtieġa, jitħallewx jew ma jitħallewx iressqu l-offerti li jissodisfaw il-htigġiet taxxerrej b'mod differenti minn kif propost fid-dokumenti tal-akkwist. Iktar kundizzjonijiet għat-tressiq ta' varjanti tal-offerti jinstabu fid-dokumenti tal-akkwist.				O O O O O O O O O M O M O O O M O O								
++	BT-769	Offerti Multipli	Indikatur	L-offerenti jistgħu jressqu iktar minn offerta waħda (għal lott partikolari).				O O O O O O O O O O O O O O O O O O								
++	BT-630	Skadenza għat-Tressiq tal-Empresjonijiet ta' Interess	Data	Il-limitu ta' żmien għat-tressiq tal-espressjonijiet ta' interess.				M M M M M M M M M M M M M M M M M M								
++	BT-1311	Skadenza għat-Tressiq tat-Talbiet għall-Partċipazzjoni	Data	Il-limitu ta' żmien għat-tressiq tat-talbiet għall-partċipazzjoni.				O O O M M M M M M M M M M M M M M M M M								
++	BT-131	Skadenza għat-Tressiq tal-Offerti	Data	Il-limitu ta' żmien għat-tressiq tal-offerti.				O M O M M M M M M M M M M M M M M M M								
++	BT-98	Skadenza tal-Validità tal-Offerti	Durata	Il-perjodu, mill-iskadenza għat-tressiq tal-offerti, li fih l-offerti jridu jibqgu validi.				O O O O O O O O O O O O O O M M O O O O O O								

++	BT-118	Avviż ta' Valur Massimu fi Ftehim Qafas	Valur	Il-valur massimu li jista' jintnefaq fil-ftehim(iet) qafas imħabbar/imħabbra f'dan l-avviż matul id-durata kollha tiegħu/tagħhom, fil-lottijiet kollha, inkluż l-opzjonijiet u t-tiġid, kif ikkalkulat abbażi tal-offerta tar-rebbieħ jew tal-offerti tar-rebbieħa.								O O O	M M M	M M		O O
++	BT-1118	Avviż ta' Valur Approssimattiv fi Ftehim Qafas	Valur	Il-valur approssimattiv li jrid jintnefaq fil-ftehim(iet) qafas imħabbar/imħabbra f'dan l-avviż matul id-durata kollha tiegħu/tagħhom, fil-lottijiet kollha, inkluż l-opzjonijiet u t-tiġid, kif ikkalkulat abbażi tal-offerta tar-rebbieħ jew tal-offerti tar-rebbieħa.								O O O	M M M	M M		O O
++	BG-556	Valur Massimu ta' Grupp fi Ftehim Qafas	-	Informazzjoni dwar il-valur massimu li jista' jintnefaq, fi ftehim qafas, fi grupp ta' lottijiet. Din l-informazzjoni tista' tiġi pprovdu meta l-valur massimu ta' grupp ta' lottijiet ikun inqas mis-somma tal-valuri ta' lottijiet individwali (eż. meta l-istess baġiż ikun kondiviż għal diversi lottijiet). Dawn huma valuri massimi kif ikkalkulati abbażi tal-offerta tar-rebbieħ jew tal-offerti tar-rebbieħa.								O O O	O O O	O O		O O
+++	BT-556	Identifikatur tal-Lott ta' Valur Massimu ta' Grupp fi Ftehim Qafas	Identifikatur	Identifikatur ta' lott fil-proċedura li huwa parti minn grupp ta' lottijiet li l-valur massimu tagħhom ikun inqas mis-somma tal-valuri massimi tal-lottijiet individwali (eż. meta l-istess baġiż ikun kondiviż għal diversi lottijiet). Dawn huma valuri massimi kif ikkalkulati abbażi tal-offerta tar-rebbieħ jew tal-offerti tar-rebbieħa.								O O O	O O O	O O		O O
+++	BT-156	Valur Massimu Kkalkulat mill-ġdid ta' Grupp fi Ftehim Qafas	Valur	Huwa il-valur massimu kkalkulat mill-ġdid li x'aktarx jintnefaq għal grupp ta' lottijiet fil-proċedura. Din l-informazzjoni tista' tiġi pprovdu meta l-valur massimu ta' grupp ta' lottijiet ikun inqas mis-somma tal-valuri ta' lottijiet individwali (eż. meta l-istess baġiż ikun kondiviż għal diversi lottijiet). Il-valur ikopri l-kuntratti kollha li jridu jingħataw fi ftehim qafas tul id-durata kollha tiegħu, inkluż l-opzjonijiet u t-tiġid. Il-valur huwa kkalkulat mill-ġdid abbażi tal-offerta tar-rebbieħ jew tal-offerti tar-rebbieħa.								O O O	O O O	O O		O O

++	BG-5561	Valur Stmat mill- Ġdid ta' Grupp fi Ftehim Qafas	-	Informazzjoni dwar il-valur li x'aktarx jintnefaq, fi ftehim qafas, għal grupp ta' lottijiet. Din l-informazzjoni tista' tiġi pprovduta meta l-valur ta' grupp ta' lottijiet ikun inqas mis-somma tal-valuri ta' lottijiet individwali (eż. meta l-istess baġit ikun kondiviż għal diversi lottijiet). Il-valur stmat mill- Ġdid huwa l-valur li x'aktarx jintnefaq, kif smat mill- Ġdid abbażi tal-offerta tar-rebbieħ jew tal-offerti tar-rebbieħa.							O O O	O O O	O O	O O	O O
+++	BT-5561	Identifikatur tal-Lott ta' Valur Smat mill- Ġdid ta' Grupp fi Ftehim Qafas	Identifikatur	Identifikatur ta' lott wieħed jew iktar f'din il-proċedura. Dawn il-lottijiet jiffurmaw grupp li l-valur tiegħu li x'aktarx jintnefaq ikun inqas mis-somma tal-valuri li x'aktarx tintnefaq tal-lottijiet individwali (eż. meta l-istess baġit ikun kondiviż għal diversi lottijiet). Il-valur stmat mill- Ġdid huwa l-valur li x'aktarx jintnefaq, kif smat mill- Ġdid abbażi tal-offerta tar-rebbieħ jew tal-offerti tar-rebbieħa.							O O O	O O O	O O	O O	O O
+++	BT-1561	Valur Stmat mill- Ġdid ta' Grupp fi Ftehim Qafas	Valur	Il-valur li x'aktarx jintnefaq, fi ftehim qafas, għal grupp ta' lottijiet. Din l-informazzjoni tista' tiġi pprovduta meta l-valur li x'aktarx jintnefaq għal grupp ta' lottijiet ikun inqas mis-somma tal-valuri li x'aktarx tintnefaq għal-lottijiet individwali (eż. meta l-istess baġit ikun kondiviż għal diversi lottijiet). Il-valur ikopri l-kuntratti kollha li jridu jingħataw fi ftehim qafas tul-id-durata kollha tiegħu, inkluż l-opzjonijiet u t-tidid. Il-valur stmat mill- Ġdid huwa l-valur li x'aktarx jintnefaq, kif smat mill- Ġdid abbażi tal-offerta tar-rebbieħ jew tal-offerti tar-rebbieħa.							O O O	O O O	O O	O O	O O
++	BG-137	Riżultat tal-Proċedura għal Lott	-	Informazzjoni dwar ir-riżultat tal-proċedura tal-akkwist. Din l-informazzjoni tvarja għal kull lott.							O O O	M M M M M M M M M O O O			
+++	BT-142	Rebbieħ Magħżul	Kodiċi	Jekk intgħażilx rebbieħ.								M M M M M M M M M M M M M M			
+++	BT-144	Raġuni ta' Nuqqas ta' Għoti	Kodiċi	Ir-raġuni għalfejn ma ntgħażilx rebbieħ.								M M M M M M M M M M M M M M			

+++	BT-709	Valur Massimu Kalkulat mill- Ġdid fi Ftehim Qafas	Valur	Il-valur massimu li jista' jintnefaq fi ftehim qafas matul id-durata kollha tiegħu, inkluż l-opzjonijiet u t-tiġid, kif ikkalkulat abbażi tal-offerta tar-rebbieħ jew tal-offerti tar-rebbieħa.										O O O	M M M	M M		O O	
+++	BT-660	Valur Stmat mill- Ġdid fi Ftehim Qafas	Valur	Il-valur li x'aktarx jintnefaq fi tehim qafas matul id-durata kollha tiegħu, inkluż l-opzjonijiet u t-tiġid, kif smat mill- ġdid abbażi tal-offerta tar-rebbieħ jew tal-offerti tar-rebbieħa.										O O O	M M M	M M		O O	
+++	BG-712	Offerti/Talbiet li Waslu	-	Informazzjoni dwar it-tipi ta' offerti jew ta' talbiet għall-parteċipazzjoni li waslu.										M M M M M M M M	M M M M	M M M M			
++++	BT-759	Għadd ta' Offerti/Talbiet li Waslu	Numru	In-numru ta' offerti jew ta' talbiet għall-parteċipazzjoni li waslu. L-offerti li jinkludu varjanti jew offerti multipli (għal lott wieħed) mill-istess offerent jenħtieġ li jingħaddu bħala offerta waħda.										M M M M M M M M	M M M M	M M M M			
++++	BT-760	Tip ta' Offerti/Talbiet li Waslu	Kodiċi	It-tip ta' offerti jew ta' talbiet għall-parteċipazzjoni li waslu. Għandu jingħata n-numru totali ta' offerti li waslu. Meta avviż ma jkunx jaqq' taħt id-Direttiva 2009/81/KE u ma jkunx dwar servizzi soċjali jew servizzi speċifiċi oħra, irid jingħata wkoll in-numru ta' offerti li jkunu waslu mingħand impriżzi mikro, żgħar u ta' daqs medju; għandu jingħata wkoll in-numru ta' offerti li jkunu waslu mingħand offerenti rreġistrati f'pajjiżi oħra taż-Żona Ekonomika Ewropea u n-numru ta' offerti li jkunu waslu mingħand offerenti rreġistrati f'pajjiżi barra miż-Żona Ekonomika Ewropea. L-offerti kollha għandhom jingħaddu, irrisspettivament minn hekk humiex ammissibbli jew inammissibbli. Għall-offerti mressqa minn grupp ta' offerenti (eż. konsorċju), l-offerta għandha tingħadd fil-kategorija rilevanti (eż. SME) jekk ikun mistenni li l-maġgħoranza tax-xogħol sejsir minn offerenti li jiffurmaw parti minn din il-kategorija (eż. ikunu SMEs).											M M M M M M M M	M M M M	M M M M		

+++	BT-710	Offerta bl-Inqas Valur	Valur	Il-valur tal-offerta ammissibbli bl-inqas valur. Offerta għandha titqies ammissibbli meta tkun tressqet minn offerent, li ma jkunx ġie eskluż u li jissodisfa l-kriterji tal-ġħażla, u meta din tkun konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi mingħajr ma tkun irregolari (eż-żaslet tard, ikollha prezz jew kost baxx ferm), inaċċettabbli jew mhux adattata. Jistgħu jitqiesu biss l-offerti li ġew ivverifikasi jekk humiex ammissibbli jew inammissibbli.												M M M				
+++	BT-711	Offerta bl-Ogħla Valur	Valur	Il-valur tal-offerta ammissibbli bl-ogħla valur. Offerta għandha titqies ammissibbli meta tkun tressqet minn oofferent, li ma jkunx ġie eskluż u li jissodisfa l-kriterji tal-ġħażla, u meta din tkun konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi mingħajr ma tkun irregolari (eż-żaslet tard, ikollha prezz jew kost baxx ferm), inaċċettabbli jew mhux adattata. Jistgħu jitqiesu biss l-offerti li ġew ivverifikasi jekk humiex ammissibbli jew inammissibbli.												M M M				
++	BG-320	Offerta	-	Informazzjoni dwar offerta. Din l-informazzjoni tvarja għal kull lott. F'każżejjiet bħal konkorsi ta' disinn, xi ftehimiet qafas, djalogi kompetitivi u sħubijiet għall-innovazzjoni, din l-informazzjoni tista' tvarja wkoll għal kull organizzazzjoni.											O O O O M M M M M M M M M M M M M M M M					
+++	BT-3201	Identifikatur tal-Offerta	Identifikatur	Identifikatur ta' offerta. L-informazzjoni fit-taqṣima tal-offerti tirreferi għal din l-offerta.											O O O O M M M M M M M M M M M M M M M M					
+++	BT-720	Valur tal-Offerta	Valur	Il-valur tal-offerta jew riżultat ieħor, inkluż l-opzjonijiet u t-tidid. F'każ ta' avviż ta' modifika, il-valur tal-modifika.											O O O O M M M M M M M M M M M M M M M M			M M M		
+++	BT-1711	Klassifika tal-Offerta	Indikatur	L-offerta ġiet ikklassifikata. (Din mhixiex il-klassifika nnifisha, iżda biss jekk saritx il-klassifikazzjoni).											O O O M M M M M M M M M M M O O O					

+++	BT-171	Klassifika tal-Offerta	Numru	Il-pożizzjoni tal-offerta (jiġifieri jekk l-offerta spiċċatx l-ewwel, it-tieni, it-tielet, eċċ.) f'konkors tad-disinn, stehim qafas b'rebbieħa multipli (eż. kaskati), sħubija għall-innovazzjoni, djalogu kompetitiv, jew proċedura oħra.										O O O	M M M	M M	M M O O O
+++	BT-162	Dħul mill-Utenti tal-Konċessjoni	Valur	Id-dħul stmat li jkun ġej mill-utenti tal-konċessjoni (eż. it-tariffi u l-multi).										O	M	M	O
+++	BT-160	Dħul mix-Xerrej tal-Konċessjoni	Valur	Id-dħul stmat li jkun ġej mix-xerrej li jkun ta-l-konċessjoni (eż. il-premijiet u l-pagamenti).									O	M	M	O	
+++	BT-163	Deskrizzjoni tal-Valur tal-Konċessjoni	Test	Id-deskrizzjoni tal-metodu li ntuża għall-kalkolu tal-valur stmat tal-konċessjoni u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra li tikkonċerna l-valur tal-konċessjoni.									O	M	M	O	
+++	BT-193	Offerta Varjant	Indikatur	L-offerta tkun varjant.									O M O O O O O O O				
+++	BT-191	Pajjiż tal-Oriġini	Kodiċi	Il-pajjiż tal-oriġini tal-prodott jew tas-servizz.									O				
+++	BG-180	Sottokuntrattar	-	Informazzjoni rigward il-partijiet tal-kuntratt li l-kuntrattur se jissottokuntratta lil partijiet terzi.									O O O O M M M O O O O	O O O			
++++	BT-773	Sottokuntrattar	Kodiċi	Jekk minn tal-inqas parti mill-kuntratt hijiex se tiġi ssottokuntrattata.									O O O O M M M O O O O	O O O			
++++	BT-730	Valur Magħruf tas-Sottokuntrattar	Indikatur	Ix-xerrej jaf minn tal-inqas il-valur stmat tal-parti tal-kuntratt li l-kuntrattur se jissottokuntratta lil partijiet terzi.									O O O O M O M O O O O	O O O			
++++	BT-553	Valur tas-Sottokuntrattar	Valur	Il-valur stmat tal-parti tal-kuntratt li l-kuntrattur se jissottokuntratta lil partijiet terzi.									O O O O M O M O O O O	O O O			
++++	BT-731	Persentaġġ Magħruf tas-Sottokuntrattar	Indikatur	Ix-xerrej jaf minn tal-inqas il-persentaġġ stmat tal-kuntratt li l-kuntrattur se jissottokuntratta lil partijiet terzi meta mqabbel mal-kuntratt kollu.									O O O O M O M O O O O	O O O			

++++	BT-555	Persentaġġ tas-Sottokuntrattar	Numru	Il-persentaġġ stmat tal-kuntratt li l-kuntrattur se jissottokuntratta lil partijiet terzi meta mqabbel mal-kuntratt kollu.											O O O O M O M O O O O O O O O O O O O O	O O O
++++	BT-554	Deskrizzjoni tas-Sottokuntrattar	Test	Id-deskrizzjoni tal-parti tal-kuntratt li l-kuntrattur se jissottokuntratta lil partijiet terzi.											O O O O O O O O O O O O O O O O O O O O	O O O
++	BG-310	Kuntratt	-	Informazzjoni dwar il-kuntratt bejn xerrej u rebbieħ wara li ssir offerta. F'każ ta' avviżi ta' trasparenza <i>ex ante</i> volontarja u avviżi dwar ir-riżultat ta' konkors ta' disinn, l-informazzjoni dwar id-deċiżjoni tal-kumitat tal-evalwazzjoni jew tal-ġurija, rispettivament. Din l-informazzjoni tista' tvarja minn offerta għall-oħra.											M M M M M M M M M M M M M M M M M M M M	M M M
+++	BT-150	Identifikatur tal-Kuntratt	Identifi-katur	Identifikatur tal-kuntratt jew, f'każ ta' avviżi ta' trasparenza <i>ex ante</i> volontarja u avviżi dwar ir-riżultat ta' konkors ta' disinn, tad-deċiżjoni. L-informazzjoni fit-taqṣima tal-kuntratt tirreferi għal dan il-kuntratt jew għal din id-deċiżjoni.											M M M M M M M M M M M M M M M M M M M M	M M M
+++	BT-3202	Identifikatur tal-Offerta tal-Kuntratt	Identifi-katur	Identifikatur tal-offerta jew riżultat ieħor li wassal għal dan il-kuntratt.											M M M M M M M M M M M M M M M M M M M M	M M M M M M
+++	BT-721	Titolu tal-kuntratt	Test	L-isem tal-kuntratt jew, f'każ ta' avviżi ta' trasparenza <i>ex ante</i> volontarja u avviżi dwar ir-riżultat ta' konkors ta' disinn, tad-deċiżjoni.											O O O O O O O O O O O O O O O O O O O O	O O O O O O
+++	BT-1451	Data tad-Deċiżjoni Dwar ir-Rebbieħ	Data	Id-data tad-deċiżjoni uffiċċjali meta ntgħażlet l-offerta rebbieħa.											O O O O O O O O O O O O O O O O O M O O O O	O O O O
+++	BT-145	Data tal-Konklużjoni tal-Kuntratt	Data	Id-data meta l-kuntratt ġie konkluż. Tipikament, din tkun id-data meta l-aħħar parti kuntrattwali ffirmat il-kuntratt. Madankollu, jekk l-ebda kuntratt ma jkun ġie ffirmat, allura d-data tal-konklużjoni tal-kuntratt tista' tikkorrispondi għal dati oħra (eż. id-data meta x-xerrej innotifika l-offerent rebbieħ). Id-data tal-konklużjoni tal-kuntratt dejjem tkun iktar tard minn tmiem il-perjodu ta' waqfien u l-mument meta kwalunkwe evidenza mressqa mir-rebbieħ tkun ġiet ivverifikata.											M M M M M M M M M O O M M M	M M M

+++	BG-7141	Vetturi CVD	-	Dettalji dwar il-vetturi fil-kamp ta' applikazzjoni tas-CVD										O O O			O O O
++++	BT-723	Kategorija tal-Vettura	Kodiċi	Il-kategorija tal-vettura li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/33/KE, inkluż: Vetturi light-duty (M1, M2, N1); Karozza tal-linja (M3); Trakk (N2, N3); M1; M2; N1; N2; N3.										O O O			O O O
++++	BT-715	Vetturi	Numru	In-numru tal-vetturi kollha (irrispettivament minn jekk humiex nodfa jew le) li jagħmlu parti mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/33/KE. Dawn il-vetturi jkunu nxtraw, ikunu b'lokazzjoni, ikunu nkrew, ikunu b'lokazzjoni b'opzjoni ta' xiri, jew inkella l-użu tagħhom ikun ġie marbut b'kuntratt għall-provvista ta' servizz b'xiri li jagħmel parti mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/33/KE.										O O O			O O O
++++	BT-725	Vetturi b'Emissjonijiet Ċero	Numru	In-numru ta' vetturi heavy-duty b'zero emissjonijiet li jagħmlu parti mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/33/KE u li huma definiti minnha. Dawn il-vetturi jkunu nxtraw, ikunu b'lokazzjoni, ikunu nkrew, ikunu b'lokazzjoni b'opzjoni ta' xiri, jew inkella l-użu tagħhom ikun ġie marbut b'kuntratt għall-provvista ta' servizz b'xiri li jagħmel parti mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/33/KE.										O O O			O O O
++++	BT-716	Vetturi Nodfa	Numru	In-numru ta' vetturi nodfa li jagħmlu parti mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/33/KE u li huma definiti minnha. Dawn il-vetturi jkunu nxtraw, ikunu b'lokazzjoni, ikunu nkrew, ikunu b'lokazzjoni b'opzjoni ta' xiri, jew inkella l-użu tagħhom ikun ġie marbut b'kuntratt għall-provvista ta' servizz b'xiri li jagħmel parti mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/33/KE.										O O O			O O O
+	BG-612	Sommarju tar-Rieżami tax-Xerrej	-	Sommarju tal-informazzjoni dwar it-talbiet li jkun irċieva x-xerrej biex jirrieżamina kwalunkwe waħda mid-deċiżjonijiet tiegħu (eż. l-ispecifikazzjoniċi tekniċi, id-deċiżjoni tal-għot), kif stabbilit fid-Direttiva tal-Kunsill 89/665/KEE u fid-Direttiva tal-Kunsill 92/13/KEE, u dwar l-ilmentaturi li ressqu t-talbiet. Din l-informazzjoni tista' tvarja għal kull lott.										O O O O O O O O O O O O O O O O			

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2304**tal-24 ta' Novembru 2022****li jaħtar il-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għad-deni tal-Wied tar-Rift**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċċiali u attivitajiet uffiċċiali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċċiali)⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 93(1) tiegħi,

Billi:

- (1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2156⁽²⁾ stabbilixxa l-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għad-deni tal-Wied tar-Rift.
- (2) Wara l-istabbiliment tal-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għad-deni tal-Wied tar-Rift, u f'konformità mal-Artikolu 93(2), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2017/625, il-Kummissjoni segwiet proċess ta' għażla pubblika għall-ħatra tal-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għad-deni tal-Wied tar-Rift.
- (3) Inħatar kumitat tal-evalwazzjoni u tal-għażla għall-proċess tal-għażla pubblika għall-ħatra tal-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għad-deni tal-Wied tar-Rift. Dak il-kumitat tal-evalwazzjoni u tal-għażla kkonkluda li l-laboratorju Taljan Istituto Zooprofilattico Sperimentale dell'Abruzzo e del Molise 'G. Caporale' jikkonforma mar-rekiżi stabbiliti fl-Artikolu 93(3) tar-Regolament (UE) 2017/625 u huwa kapaċi jwettaq il-kompli stabbiliti fl-Artikolu 94 ta' dak ir-Regolament.
- (4) Ghelhekk, jenħtieġ li l-laboratorju Taljan Istituto Zooprofilattico Sperimentale dell'Abruzzo e del Molise 'G. Caporale' jinħatar bħala l-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għad-deni tal-Wied tar-Rift. Jenħtieġ li l-programm ta' ħidma tiegħi jiġi stabbiliti f'konformità mal-objettivi u mal-prioritajiet tal-programmi ta' ħidma rilevanti adottati mill-Kummissjoni f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽³⁾.
- (5) Sabiex jiġi żgurat li jinżammu l-livell xieraq tal-metodi ta' analiżi, ta' ttestjar jew ta' dijanjożi, u l-iżvilupp ta' metodi vvalidati u li tinżamm l-assistenza kkoordinata tal-laboratorju uffiċċiali, u f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 93(2) tar-Regolament (UE) 2017/625, jenħtieġ li l-ħatra bħala laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea tiġi rieżaminata b'mod regolari,
- (6) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun applikabbli mill-1 ta' Jannar 2023, id-data meta l-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għad-deni tal-Wied tar-Rift jenħtieġ li jibda l-attivitajiet tiegħi.

⁽¹⁾ ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2156 tas-17 ta' Settembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għad-deni tal-Wied tar-Rift (ĠU L 436, 7.12.2021, p. 26).⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi programm għas-suq intern, għall-kompetitività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, għall-qasam tal-pjanti, l-annimali, l-ikel u l-għalf, u għall-istatistika Ewropea (Programm tas-Suq Uniku) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 99/2013, (UE) Nru 1287/2013, (UE) Nru 254/2014 u (UE) Nru 652/2014 (ĠU L 153, 3.5.2021, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-laboratorju li ġej huwa maħtur bħala l-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għad-deni tal-Wied tar-Rift:

Istituto Zooprofilattico Sperimentale dell'Abruzzo e del Molise 'G. Caporale', Via Campo Boario, 64100 Teramo (TE), l-Italja.

Artikolu 2

Il-ħatra fl-Artikolu 1 għandha tiġi rieżaminata b'mod regolari.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Novembru 2022.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2305

tal-24 ta' Novembru 2022

li jgħedded l-approvazzjoni tas-sustanza attiva b'riskju baxx żejt tal-ħuta f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) flimkien mal-Artikolu 22(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/127/KE (²) inkludiet iż-żejt tal-ħuta bħala sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (³).
- (2) Is-sustanzi attivi inklużi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE jitqiesu li ġew approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u huma elenkti fil-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (⁴).
- (3) Kif stipulat fil-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 540/2011, l-approvazzjoni tas-sustanza attiva żejt tal-ħuta, tiskadi fil-31 ta' Awwissu 2023.
- (4) F'konformità mal-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 (⁵) u fil-perjodu ta' żmien previst f'dak l-Artikolu, tressqet applikazzjoni għat-tiġid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva żejt tal-ħuta lir-Repubblika Ċeka, bħala Stat Membru relatur.
- (5) F'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 844/2012, l-applikant ressaq id-dossiers supplimentari meħtieġa. L-Istat Membru relatur sab li l-applikazzjoni kienet ammissibbli.
- (6) Ir-Repubblika Ċeka ħejjiet abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni tat-tiġid b'konsultazzjoni ma' Franzia, l-Istat Membru korelatur, u ressitu lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") u lill-Kummissjoni fl-10 ta' Settembru 2020. Fl-abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni tat-tiġid tagħha, ir-Repubblika Ċeka pproponiet li ġġedded l-approvazzjoni taż-żejt tal-ħuta bħala sustanza b'riskju baxx.

(¹) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

(²) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/127/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE għall-inklużjoni ta' bosta sustanzi attivi (ĠU L 344, 20.12.2008, p. 89).

(³) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1).

(⁴) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

(⁵) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 tat-18 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implementazzjoni tal-proċedura ta' tiġid għas-sustanzi attivi, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 252, 19.9.2012, p. 26). Dan ir-Regolament ġie sostitwi bir-Regolament (UE) 2020/1740, madankollu, għandu jkompli jaapplika għall-proċedura għat-tiġid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi: (1) li l-perjodu ta' approvazzjoni tagħhom jintem qabel is-27 ta' Marzu 2024; (2) li fil-każ tagħhom, Regolament adottat f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 fis-27 ta' Marzu 2021 jew wara din id-data, jestendi l-perjodu ta' approvazzjoni sas-27 ta' Marzu 2024 jew sa wara din id-data.

- (7) L-Awtorità għamlet id-dossier tas-sommarju supplimentari disponibbli għall-pubbliku. L-Awtorità ċċirkolat ukoll l-abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni tat-tiġidid lill-applikant u lill-Istati Membri għall-kummenti u nediet konsultazzjoni pubblika dwaru. L-Awtorità għaddiet il-kummenti li rċeviet lill-Kummissjoni. Fis-16 ta' Diċembru 2021, l-Awtorità kkomunikat lill-Kummissjoni, il-konklużjoni tagħha⁽⁶⁾ li indikat li jista jkun mistenni li ż-żejt tal-ħuta jissodisfa l-kriterji ta' approvazzjoni previsti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009. Fit-30 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni resqet rapport tat-tiġidid, u fis-17 ta' Mejju 2022 ippreżentat abbozz ta' dan ir-Regolament dwar iż-żejt tal-ħuta lill-Kunitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf.
- (8) Il-Kummissjoni stiednet lill-applikant biex iressaq il-kummenti tiegħu dwar il-konklużjoni tal-Awtorità u, f'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 844/2012, dwar ir-rapport tat-tiġidid. L-applikant ressaq il-kummenti tiegħu, li ġew eżaminati bir-reqqa u ġew ikkunsidrati fejn xieraq.
- (9) Ćie stabbilit li l-kriterji għall-approvazzjoni previsti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 huma ssodisfati rigward użu wieħed jew aktar, ta' mill-inqas prodott wieħed għall-protezzjoni tal-pjanti li fis-sustanza attiva jeżjt tal-ħuta.
- (10) Il-Kummissjoni hija tal-fehma wkoll li skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 iż-żejt tal-ħuta huwa sustanza attiva b'riskju baxx. Iż-żejt tal-ħuta mhuwiex sustanza ta' tħassib u jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 5 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.
- (11) Għalhekk, jixraq li tiġġedded l-approvazzjoni taż-żejt tal-ħuta bħala sustanza b'riskju baxx.
- (12) Madanakollu, f'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, flimkien mal-Artikolu 6 tiegħu, u fid-dawl tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali, jeħtieġ li tiġi stabbilita purità minima tas-sustanza attiva kif manifatturata sabiex tigiż-żgurata is-sikurezza tas-sustanza attiva li għandha tintuża fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.
- (13) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 540/2011 jiġi emendat skont dan.
- (14) Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/708⁽⁷⁾ estenda l-perjodu ta' approvazzjoni taż-żejt tal-ħuta sal-31 ta' Awwissu 2023 sabiex il-proċess tat-tiġidid ikun jista' jitlesta qabel ma jiskadi l-perjodu ta' approvazzjoni ta' dik is-sustanza attiva. Madankollu, dan ir-Regolament għandu jibda jaapplika malajr kemm jista' jkun, peress li laħqet ittieħdet deċiżjoni dwar it-tiġidid qabel dik id-data ta' skadenza estiżza.
- (15) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kunitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Tiġidid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva

Kif spċifikat fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, l-approvazzjoni tas-sustanza attiva jeżjt tal-ħuta qed tiġġedded bil-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

⁽⁶⁾ EFSA Journal 2022;20(1):10600, 39 pp. doi:10.2903/j.efsa.2022.10600 Disponibbli online: www.efsa.europa.eu

⁽⁷⁾ Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/708 tal-5 ta' Mejju 2022 li jemenda r-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi 2,5-dichlorobenzoic acid methylester, acido aċetiku, aclonifen, sulfat tal-ammonju tal-aluminju, aluminium phosphide, silikat tal-aluminju, beflubutamid, benthiavalicarb, boscalid, calcium carbide, captan, cymoxanil, dimethomorph, dodemorph, ethephon, ethylene, estratt mis-siġra tat-te, residwi ta' distilazzjoni tax-xaħam, aċidi xaħmin C7 sa C20, fluoxastrobin, fluochloridone, folpet, formetanate gibberellic acid, gibberellins, hydrolysed proteins, sulfat tal-ħadid, magnesium phosphide, metam, metamiton, metazachlor, metribuzin, milbemectin, fenmedifam, pirimiphos-methyl, żjut tal-pjanti/essenza tal-qronfol, żjut tal-pjanti/jeżjt tal-kolza, żjut tal-pjanti/jeżjt tan-nagħniegħ, propamocarb, proquinazid, prothioconazole, piretrini, ir-ramel kwarz, jeżjt tal-ħut, repellenti permezz ta' riħa ta' oriġini mill-animali jew mill-pjanti/xaħam tan-nagħaq, S-metolachlor, Feromoni tal-Lepidopteri ta' Katina Ditta, sulcotrione, tebuconazole u urea (ĠU L 133, 10.5.2022, p. 1).

*Artikolu 2***Emendi għar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 540/2011**

L-Anness tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 540/2011 huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3***Dħul fis-seħħ u data tal-applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Marzu 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Novembru 2022.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità ⁽¹⁾	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal- approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
Żejt tal-ħuta Nru CAS: 8016-13-5 Nru CIPAC: 918	Mhux applikabbi	<p>Purità minima tas-sustanza attiva kif manifatturata: Żejt tal-ħuta 100 %.</p> <p>Identità tal-impuritajiet rilevanti (ta' tħassib tossikoloġiku, ekottossikoloġiku u/jew ambjentali) fis-sustanza attiva kif manifatturata:</p> <p>Livelli massimi skont id-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/32/KE ⁽²⁾ għall-impuritajiet li ġejjin, proporzjoni għal-żejt tal-ħuta b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %:</p> <p>5 ng/kg tas-somma ta' dibenżo-paradiossini poliklorinati (PCDDs) u dibenżofurani poliklorinati (PCDFs) ⁽³⁾</p> <p>20 ng/kg tas-somma ta' dibenżo-paradiossini poliklorinati (PCDDs), dibenżofurani poliklorinati (PCDFs) u bif-enili poliklorinati simili għad-diōssini (PCBs) ⁽⁴⁾</p> <p>0,5 mg/kg ta' merkurju</p> <p>2 mg/kg ta' kadmju</p> <p>10 mg/kg ta' ċomb</p> <p>175 µg/kg ta' PCBs mhux simili għad-diōssini</p>	l-1 ta' Marzu 2023	it-28 ta' Frar 2038	<p>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport tat-tiġid dwar iż-żejt tal-ħuta, u b'mod partikolari l-Appendiċċijiet I u II tiegħu.</p> <p>Fejn xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju.</p>

(¹) Fir-rapport tat-tiġid jinsabu aktar dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva.

(²) Id-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 2002 dwar sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf tal-annimali (ĠU L 140, 30.5.2002, p. 10).

(³) Espresso bħala l-ekwivalenti tossiku tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO).

(⁴) Espresso bħala l-ekwivalenti tossiku tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO).

ANNESS II

L-Anness tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 540/2011 huwa emendat kif ġej:

- (1) fil-Parti A, titħassar l-entrata 248 dwar iż-żejt tal-ħuta;
- (2) fil-Parti D, tiżdied l-entrata li ġejja:

Nru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità (*)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
"41	Żejt tal-ħuta Nru CAS: 8016-13-5 Nru CIPAC: 918	Mhux applikabbli	<p>Purità minima tas-sustanza attiva kif manifatturata: Żejt tal-ħuta 100 %</p> <p>Identità tal-impuritajiet rilevanti (ta' tħassib tossikoloġiku, ekotossikoloġiku u/jew ambjentali) fis-sustanza attiva kif manifatturata:</p> <p>Livelli massimi skont id-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/32/KE (²) għall-impuritajiet li ġejjin, proporzjonati għal żejt tal-ħuta b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %:</p> <p>5 ng/kg tas-somma ta' dibenżo-paradiossini poliklorinati (PCDDs) u dibenżofurani poliklorinati (PCDFs) (³)</p> <p>20 ng/kg tas-somma ta' dibenżo-paradiossini poliklorinati (PCDDs), dibenżofurani poliklorinati (PCDFs) u bifenili poliklorinati simili għad-dirossini (PCBs) (⁴)</p> <p>0,5 mg/kg ta' merkurju</p> <p>2 mg/kg ta' kadmju</p> <p>10 mg/kg ta' cōmb</p> <p>175 µg/kg ta' PCBs mhux simili għad-dirossini</p>	l-1 ta' Marzu 2023	it-28 ta' Frar 2038	<p>Għall-implementazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport tat-tiġid dwar iż-żejt tal-ħuta, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu.</p> <p>Il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju, fejn xieraq.</p>

(¹) Fir-rapport tat-tiġid jinsabu aktar dettalji dwar l-identità u l-ispecifiċiazzjoni tas-sustanza attiva.

(²) Id-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 2002 dwar sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf tal-annimali (ĠU L 140, 30.5.2002, p. 10).

(³) Espressi bħala l-ekwivalenti tossiku tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO).

(⁴) Espressi bħala l-ekwivalenti tossiku tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO)."

DEĊIJONI JONIET

DEĊIJONI TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2306

tat-23 ta' Novembru 2022

dwar l-għoti ta' derogi lil ċerti Stati Membri b'rabta mat-trażmissjoni tal-istatistika skont ir-Regolament (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-istatistika dwar il-faċilitajiet tas-saħħa, ir-riżorsi umani tal-kura tas-saħħa u l-użu tal-kura tas-saħħa

(notifikata bid-dokument C(2022) 8341)

(It-testi biċ-Ċek, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Irlandiż, bl-Olandiż, bil-Portugiż, bir-Rumen, bl-Ispanjol u bl-Iżvediż biss huma awtentiċi)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-istatistika Komunitarja dwar is-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol (1), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħi,

Wara li kkunsidrat it-talbiet tar-Renju tal-Belġju, tar-Repubblika Ċeka, tal-Irlanda, tar-Repubblika Ellenika, tar-Renju ta' Spanja, tar-Repubblika Franċiża, tar-Repubblika ta' Ċipru, tal-Gran Dukat tal-Lussemburgo, tar-Renju tan-Netherlands, tar-Repubblika tal-Awstrija, tar-Repubblika Portugiża, tar-Rumanija u tar-Renju tal-Iżvezja,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1338/2008, meta meħtieġ, jistgħu jiġu adottati derogi u perjodi ta' tranżizzjoni għall-Istati Membri, diment li dawn ikunu bbażati fuq raġunijiet oġġettivi.
- (2) L-informazzjoni li l-Istati Membri taw lill-Kummissjoni tindika li t-talbiet għad-deregħ saru minħabba l-ħtieġa ta' adattamenti kbar fis-sistemi amministrattivi u statistiċi nazzjonali ħalli jikkonformaw għalkollox mar-Regolament (KE) Nru 1338/2008.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li dawn id-derogi mitluba minnhom, jingħataw lir-Renju tal-Belġju, lir-Repubblika Ċeka, lill-Irlanda, lir-Repubblika Ellenika, lir-Renju ta' Spanja, lir-Repubblika Franċiża, lir-Repubblika ta' Ċipru, lill-Gran Dukat tal-Lussemburgo, lir-Renju tan-Netherlands, lir-Repubblika tal-Awstrija, lir-Repubblika Portugiża, lir-Rumanija u lir-Renju tal-Iżvezja.
- (4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-İstatistika, stabbilit bl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (2),

(1) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 70.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-İstatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data soġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-İstatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-İstatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIJONI:

Artikolu 1

Id-derogi kif stabbiliti fl-Anness jingħataw lill-Istati Membri elenkati hemmhekk.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju, lir-Repubblika Ċeka, lill-Irlanda, lir-Repubblika Ellenika, lir-Renju ta' Spanja, lir-Repubblika Franċiża, lir-Repubblika ta' Ċipru, lill-Gran Dukat tal-Lussemburgo, lir-Renju tan-Netherlands, lir-Repubblika tal-Awstrija, lir-Repubblika Portugiża, lir-Rumanija u lir-Renju tal-İzveza.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Novembru 2022.

*Għall-Kummissjoni
Paolo GENTILONI
Membra tal-Kummissjoni*

ANNESS

Derogi mir-Regolament (KE) Nru 1338/2008, kif implementati mill-Kummissjoni, li jikkonċernaw il-faċilitajiet tal-kura tas-sahħha, ir-riżorsi umani tal-kura tas-sahħha u l-użu tal-kura tas-sahħha.

Għall-fini tal-ġbir tad-data, għandhom jingħataw id-derogi li ġejjin:

Iċ-Ċekja, l-Irlanda, Spanja, Ċipru, il-Lussemburgu, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Portugall u r-Rumanija ma għandhomx jīntalbu jiipprovd l-varjabbli, jew id-diżagggregazzjoni(jet) tal-varjabbli meta indikat, speċifikati fit-Tabella 1 għas-snin ta' referenza speċifikati fiha. Meta ma tkunx meħtieġa kopertura sħiħa, id-devjazzjonijiet mill-kopertura sħiħa għandhom jiġu spjegati fil-metadata ta' referenza.

Tabella 1

Stat Membru	Varjabbli/diżagggregazzjoni	Sena/snین ta' referenza koperti b'deroga
Iċ-Ċekja	Il-pajjiż ta' residenza ta' persuni mhux residenti rilaxxati għall-varjabbli li ġejjin: 6.1 Għadd ta' rilaxxi ta' inpatients mill-isptar 6.2 Għadd ta' ġranet l-isptar tal-inpatients 6.3 Għadd ta' rilaxxi mill-isptar ta' każi f'ġurnata	2023-2024
Iċ-Ċekja	7.10 Tneħħija parzjali tal-glandola mammarja 7.11 Mastettomija totali	2023-2024
L-Irlanda	Kopertura sħiħa tal-varjabbli li ġejjin (kopertura parzjali hija meħtieġa): 6.1 Għadd ta' rilaxxi ta' inpatients mill-isptar 6.2 Għadd ta' ġranet l-isptar tal-inpatients 6.3 Għadd ta' rilaxxi mill-isptar ta' każi f'ġurnata	2023-2024
Spanja	Il-gruppi tal-età "65-74" u "75+" għall-varjabbli: 1.1 Għadd ta' tobbu prattikanti skont l-età u l-ġeneru	2021-2023
Ċipru	Kopertura sħiħa tal-varjabbli kollha fl-Anness II (kopertura parzjali hija meħtieġa)	2021-2022
Il-Lussemburgu	Varjabbli 1.1-1.6 f'Data dwar l-Impjiegħi tas-Sahħha	2023
In-Netherlands	Kopertura sħiħa tal-varjabbli fil-punt 6. Data dwar il-Kura fl-Isptar (kopertura parzjali hija meħtieġa)	2023
L-Awstrija	5.1 Rata ta' immunizzazzjoni tal-persuni ta' 65 sena u akbar kontra l-influwenza	2021-2022
Il-Portugall	1.1 Għadd ta' tobbu prattikanti skont l-età u l-ġeneru 1.2 Għadd ta' tobbu prattikanti skont il-kategorija 1.3 Għadd ta' qwiebel prattikanti 1.4 Għadd ta' infermiera prattikanti 1.5 Għadd ta' dentisti prattikanti	2023-2025

Stat Membru	Varjablli/diżaggregazzjoni	Sena/snin ta' referenza koperti b'deroga
Il-Portugall	<p>2.4 Għadd ta' gradwati qwiebel</p> <p>3.1 Għadd ta' sodod fl-isptar għall-kura somatika; funzjoni "Kura fit-tul"</p> <p>3.3 Għadd ta' sodod fil-faċilitajiet residenzjali tal-kura fit-tul Varjabbli fil-punt 4. <i>Data</i> dwar l-Apparati għall-Imaġnijiet Mediċi</p> <p>5.2 Rata tan-nisa ta' bejn il-50 u d-69 sena skrinjati għall-kanċer tas-sider tul programm nazzjonali ta' skrinjar tal-kanċer tas-sider (mammografija)</p> <p>5.3 Rata tan-nisa ta' bejn l-20 u d-69 sena skrinjati għall-kanċer ċervikali tul programm nazzjonali ta' skrinjar tal-kanċer ċervikali</p>	2021-2023
Il-Portugall	<p>Ir-regjuun NUTS2 tar-residenza tal-pazjent rilaxxat għall-varjabbli:</p> <p>6.1 Għadd ta' rilaxxi ta' inpatients mill-isptar</p> <p>6.2 Għadd ta' ġranet l-isptar tal-inpatients</p> <p>6.3 Għadd ta' rilaxxi mill-isptar ta' każi f'għurnata</p>	2023-2025
Il-Portugall	<p>Kopertura sħiħa tal-varjabbli li ġejjin (kopertura parżjali hija meħtieġa):</p> <p>7.1 Kirurġija tal-katarretti</p> <p>7.2 Tonsillettomija</p> <p>7.3 Angjoplastija koronarja transluminali</p> <p>7.4 Trapjant ta' bypass fl-arterja koronarja</p> <p>7.5 Koleċistektomija</p> <p>7.6 Tiswija ta' ernja ingwinali</p> <p>7.8 Sostituzzjoni tal-ġenbejn</p> <p>7.9 Sostituzzjoni totali tal-irkoppa</p> <p>7.10 Tneħħija parżjali tal-glandola mammarja</p> <p>7.11 Mastettomija totali</p>	2023-2025
Ir-Rumanija	1.3 Għadd ta' qwiebel prattikanti	2021

Il-Belġju, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Lussemburgu u l-Iżveza għandhom jingħataw derogi dwar l-iskadenza għat-twassil tad-data għall-varjabbli fit-Tabella 2 u għall-metadata ta' referenza meta speċifikat.

Tabella 2

Stat Membru	Varjabbli	Skadenza ġdida	Sena/snin ta' referenza koperti b'deroga
Il-Belġju	5.2 Rata tan-nisa ta' bejn il-50 u d-69 sena skrinjati għall-kanċer tas-sider tul programm nazzjonali ta' skrinjar tal-kanċer tas-sider (mammografija)	T+26 xahar	2021-2024
	5.3 Rata tan-nisa ta' bejn l-20 u d-69 sena skrinjati għall-kanċer ċervikali tul programm nazzjonali ta' skrinjar tal-kanċer ċervikali		
Il-Greċja	Varjabbli fil-punt 1. <i>Data</i> dwar l-Impjieg tas-Sħħa	T+20 xahar	2023
Spanja	Varjabbli fil-punt 1. <i>Data</i> dwar l-Impjieg tas-Sħħa u metadata ta' referenza	T+16-il xahar	2023
Spanja	Varjabbli fil-punti 2-5 tal-Anness II, u metadata ta' referenza	T+16-il xahar	2021-2023
Franza	2.1 Għadd ta' gradwati mediċi	T+21 xahar	2021-2023
	2.2 Għadd ta' gradwati fid-dentistrija		
	2.3 Għadd ta' gradwati fil-farmaċċija		
Il-Lussemburgu	Varjabbli fil-punt 6. <i>Data</i> dwar il-Kura tal-Isptar, u fil-punt 7. <i>Data</i> dwar il-Proċeduri Kirurġiċi	T+38 xahar	2023
Il-Lussemburgu	Varjabbli fil-punt 6. <i>Data</i> dwar il-Kura tal-Isptar, u fil-punt 7. <i>Data</i> dwar il-Proċeduri Kirurġiċi	T+26 xahar	2024
L-Iżveza	Varjabbli fil-punt 1. <i>Data</i> dwar l-Impjieg tas-Sħħa	T+21 xahar	2023-2024

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2307

tat-23 ta' Novembru 2022

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni (UE) 2022/179 fir-rigward tad-deżinjazzjoni u d-disponibbiltà tal-baned tal-frekwenzi 5 150-5 250 MHz, 5 250-5 350 MHz u 5 470-5 725 MHz skont il-kundizzjonijiet tekniċi stabbiliti fl-Anness

(notifikata bid-dokument C(2022) 8313)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar qafas regolatorju għall-politika dwar l-ispettru tar-radju fil-Komunità Ewropea (Deċiżjoni dwar l-Ispettru tar-Radju) (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/179 (²) armonizzat l-użu tal-ispettru tar-radju fil-banda tal-frekwenzi ta' 5 GHz (5 150-5 350 MHz u 5 470-5 725 MHz) għas-sistemi ta' aċċess mingħajr fili, inkluż in-networks taż-żoni lokali bir-radju. Il-bażi teknika għal din id-Deċiżjoni kienet ir-Rapport 79 tal-Konferenza Ewropea tal-Amministrazzjonijiet Postali u tat-Telekomunikazzjonijiet (“CEPT”).
- (2) Fi Frar 2022, l-industrija awtomobilistika Ewropea talbet lill-Kummissjoni tikkonferma l-interpretazzjoni tagħha ta' ġerti dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni (UE) 2022/179 fir-rigward tal-każijiet tal-użu tal-WAS/RLAN fil-banda tal-frekwenzi ta' 5 GHz fil-vetturi tat-triq. Bl-ittra tad-29 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni tat-mandat lis-CEPT biex tistudja l-każijiet tal-użu tal-WAS/RLAN fil-banda tal-frekwenzi ta' 5 GHz fil-vetturi tat-triq identifikati mill-industrija awtomobilistika fil-kuntest tad-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni (UE) 2022/179.
- (3) F'konformità ma' dik l-ittra ta' mandat, fid-29 ta' Ġunju 2022 is-CEPT tat-rispons li jikkumplimenta r-Rapport 79 billi pproponiet bidliet fil-kundizzjonijiet tekniċi għall-banda tal-frekwenzi 5 470-5 725 MHz biex tippermetti użu limitat ta' apparati WAS/RLAN fil-vetturi tat-triq, jīgħiġi meta dawn l-apparati jkunu qed joperaw fil-modalità slave u jkunu kkontrollati minn apparat fiss li jopera fil-modalità prinċipali u li jidentifika sinjalji tar-radar bit-teknika ta' mitigazzjoni tal-Għażla tal-Frekwenza Dinamika (DFS). Fid-dawl ta' dik it-tweġiba, il-Kummissjoni jidhirlha li t-tħaddim ta' apparati WAS/RLAN installati fil-modalità slave jenħtieġ li jkun permess fil-vetturi tat-triq sakemm dawn ikunu jittrażżmettu biss meta jkunu fil-kontroll ta' apparat WAS/RLAN fiss b'funzjonalità DFS li jopera fil-modalità prinċipali.
- (4) Ma ġiet proposta l-ebda bidla mis-CEPT fit-tweġiba tagħha fir-rigward tal-kundizzjonijiet tekniċi għall-WAS/RLANs fil-banda 5 250-5 350 MHz. Skont is-CEPT, it-tħaddim tal-installazzjoni WAS/RLAN fil-vetturi tat-triq jenħtieġ li ma jkun permess f'dik il-banda, għax ma jeżisti l-ebda mezz prattiku fis-seħħ li jiżgura li l-vetturi tat-triq ikunu jinsabu effettivament fuq ġewwa u li t-tħaddim tal-installazzjoni WAS/RLAN fil-vetturi tat-triq ikun, minħabba fhekk, limitat għall-użu fuq ġewwa. Għaldaqstant, l-użu tal-banda tal-frekwenzi 5 250-5 350 MHz jenħtieġ li jibqa' “fuq ġewwa biss” biex ikun evitat ir-riskju ta' interferenza dannuża għas-servizzi stabbiliti f'din il-banda. Il-vetturi speċjalizzati maħsuba biex joperaw biss fuq ġewwa ma jitqisux bħala vetturi tat-triq.

(¹) ĠU L 108, 24.4.2002, p. 1.

(²) Id-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/179 tat-8 ta' Frar 2022 dwar l-użu armonizzat tal-ispettru tar-radju fil-banda ta' frekwenzi ta' 5 GHz għall-implantazzjoni ta' sistemi ta' aċċess mingħajr fili inkluż in-networks ta' żoni lokali bir-radju u li tħassar id-Deċiżjoni 2005/513/KE (ĠU L 29, 10.2.2022, p. 10).

- (5) Il-banda 5 150-5 250 MHz diġà hi disponibbli għall-użu fuq ġewwa minn apparati WAS/RLAN, inkluż it-tħaddim tal-installazzjonijiet WAS/RLAN fil-vetturi tat-triq abbażi tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2022/179.
- (6) L-elementi li jinsabu fit-tweġiba tas-CEPT għall-ittra ta' mandat tal-Kummissjoni jistgħu jintużaw bħala bażi għal din id-Deċiżjoni.
- (7) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tibni fuq il-prinċipji u d-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2022/179 u tiżviluppahom.
- (8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Ispetru tar-Radju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2022/179 hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 3

Sat-30 ta' Ġunju 2023, l-Istati Membri għandhom jiddeżjinaw u jagħmlu disponibbli l-banded tal-frekwenzi 5 150-5 250 MHz, 5 250-5 350 MHz u 5 470-5 725 MHz, fuq bażi mhux esklużiva, għall-implementazzjoni tal-WAS/RLANs f'konformità mal-kundizzjonijiet tekniċi stabbiliti fl-Anness";

- (2) L-Anness huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Novembru 2022.

*Għall-Kummissjoni
Thierry BRETON
Membru tal-Kummissjoni*

ANNESS

“ANNESS

**Kundizzjonijiet tekniċi armonizzati għall-WAS/RLAN fil-baned tal-frekwenzi 5 150-5 250 MHz,
5 250-5 350 MHz u 5 470-5 725 MHz**

Tabella 1

WAS/RLAN fil-banda tal-frekwenzi 5 150-5 250 MHz

Parametru	Kundizzjonijiet tekniċi
Banda tal-frekwenzi	5 150-5 250 MHz
Operazzjoni permissibbli	Fuq ġewwa, inkluż installazzjonijiet fil-vetturi tat-triq, fil-ferroviji u fl-inġenji tal-ajru, u użu limitat fuq barra (nota 1). L-użu minn sistemi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (UAS) hu limitat għall-banda 5 170-5 250 MHz.
Potenza rradjata iżotropikament ekwivalenti medja massima (e.i.r.p.) għall-emissjonijiet fil-banda	200 mW Eċċezzjonijiet: — medja massima ta' 40 mW tapplika għall-installazzjonijiet fil-vaguni tal-ferroviji b'telf medju tal-attenwazzjoni ta' inqas minn 12 dB; — medja massima ta' 40 mW tapplika għall-installazzjonijiet fil-vetturi tat-triq.
Densità e.i.r.p medja massima għall-emissjonijiet fil-banda	10 mW/MHz fi kwalunkwe banda ta' 1 MHz

Nota 1: Jekk jintuża fuq barra, it-tagħmir ma għandux jitwaħħal ma' antenna fissa fuq barra, ma' infrastruttura fissa jew mal-karozzerija esterna tal-vetturi tat-triq.

Għandhom jintużaw tekniki għall-aċċess tal-ispettru u għall-mitigazzjoni tal-interferenzi li jiaprovdū livell xieraq ta' prestazzjoni għall-konformità mar-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (¹). Meta t-tekniki rilevanti jkunu deskritti fi standards armonizzati jew fpartijiet minnhom, li r-referenzi għalihom ġew ippubblifikati f'Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea fkonformità mad-Direttiva 2014/53/UE, mill-inqas għandha tkun żgurata prestazzjoni ekwivalenti għal-livell tal-prestazzjoni assoċjat ma' dawk it-tekniki.

Tabella 2

WAS/RLAN fil-banda tal-frekwenzi 5 250-5 350 MHz

Parametru	Kundizzjonijiet tekniċi
Banda tal-frekwenzi	5 250-5 350 MHz
Operazzjoni permissibbli	Użu fuq ġewwa: fil-binjet biss. L-installazzjonijiet fil-vetturi tat-triq, fil-ferroviji u fl-inġenji tal-ajru mhumiex permessi (nota 2). L-użu fuq barra mhux permess.
E.i.r.p medja massima għall-emissjonijiet fil-banda	200 mW
Densità e.i.r.p medja massima għall-emissjonijiet fil-banda	10 mW/MHz fi kwalunkwe banda ta' 1 MHz

(¹) Id-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liggi tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li tħassar id-Direttiva 1999/5/KE (ĠU L 153, 22.5.2014, p. 62).

Tekniki ta' mitigazzjoni li jridu jintużaw	Kontroll tal-potenza tat-trażmettitur (TPC) u għażla dinamika tal-frekwenzi (DFS). Jistgħu jintużaw tekniki alternattivi tal-mitigazzjoni diment li mill-inqas dawn ikunu jiżguraw prestazzjoni u livell ekwivalenti ta' protezzjoni tal-ispettru biex jikkonformaw mar-rekwiżiti essenzjali korrispondenti tad-Direttiva 2014/53/UE, u diment li jirrispettaw ir-rekwiżiti tekniċi ta' din id-Deċiżjoni.
Kontroll tal-potenza tat-trażmettitur (TPC)	It-TPC għandu jipprovd, bħala medja, fattur ta' mitigazzjoni ta' mill-inqas 3 dB fuq il-potenza tal-output massima permessa tas-sistemi; jew, jekk il-kontroll tal-potenza tat-trażmettitur ma jkun qed jintuża, l-e.i.r.p medja massima permessa u l-limitu tad-densità tal-e.i.r.p medja korrispondenti għandhom jitnaqqsu bi 3 dB.
Għażla dinamika tal-frekwenzi (DFS)	Id-DFS hija deskritta fir-Rakkmandazzjoni ITU-R M. 1652-1 (⁷) li tiżgura operazzjoni kompatibbli mas-sistemi tar-radjudeterminazzjoni. Il-mekkaniżmu tad-DFS għandu jiżgura li l-probabbilt li jingħażel kanal partikolari tkun l-istess għall-kanali kollha disponibbli fil-baned 5 250-5 350 MHz u 5 470-5 725 MHz. Il-mekkaniżmu tad-DFS għandu jiżgura wkoll, bħala medja, firxa kważi uniformi tat-tagħbija tal-ispettru. Il-WAS/RLAN għandu jimplimenta għażla dinamika tal-frekwenzi li tipprovd mitigazzjoni kontra l-interferenza għar-radar li mill-inqas tkun effiċċenti daqs id-DFS kif deskrift fl-Istandard tal-ETSI EN 301 893 V2.1.1. Il-konfigurazzjonijiet (hardware u/jew software) tal-WAS/RLAN relatati mad-DFS ma għandhomx ikunu aċċessibbli għall-utent jekk il-bdil ta' dawk il-konfigurazzjonijiet jikkawża n-nuqqas ta' konformità tal-WAS/RLANs mar-rekwiżiti tad-DFS. Dan jinkludi li (a) l-utent ma jithallieq jibdel il-pajjiż tal-operazzjoni u/jew il-banda tal-frekwenzi operattiva jekk dan jikkawża n-nuqqas ta' konformità tat-tagħmir mar-rekwiżiti tad-DFS u (b) ma jiġix aċċettati software u/jew firmware li jikkawżaw in-nuqqas ta' konformità tat-tagħmir mar-rekwiżiti tad-DFS.

Nota 2: It-tħaddim tal-installazzjonijiet WAS/RLAN fl-ingħenji tal-ajru kbar (⁸) (għajr fil-ħelikopters b'aktar minn magna waħda) hu permess sal-31 ta' Diċembru 2028 b'e.i.r.p medja massima għall-emissionijiet fil-banda ta' 100 mW.

Għandhom jintużaw tekniki għall-aċċess tal-ispettru u għall-mitigazzjoni tal-interferenzi li jipprovdu livell xieraq ta' prestazzjoni għall-konformità mar-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva 2014/53/UE. Meta t-tekniki rilevanti jkunu deskritti fi standards armonizzati jew f-partijiet minnhom, li r-referenzi għalihom ġew ippubblikati f'il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mad-Direttiva 2014/53/UE, mill-inqas għandha tkun żgurata prestazzjoni ekwivalenti għal-livell tal-prestazzjoni assoċċjat ma' dawk it-tekniki.

Tabella 3

WAS/RLAN fil-banda tal-frekwenzi 5 470-5 725 MHz

Parametru	Kundizzjonijiet tekniċi
Banda tal-frekwenzi	5 470-5 725 MHz
Operazzjoni permissibbli	Użu fuq ġewwa u fuq barra. Installazzjonijiet fil-vetturi tat-triq huma permessi biss għall-apparati WAS/RLANs li joperaw fil-modalità slave (⁹) kkontrollati minn apparat WAS/RLANs fiss b'funzjonalità ta' Għażla Dinamika tal-Frekwenzi (DFS) li jopera fil-modalità prinċipali. L-installazzjonijiet fil-ferrovji u fl-ingħenji tal-ajru u l-użu għall-UAS mhumiex permessi (nota 3).

(⁷) Ir-Rakkmandazzjoni ITU-R M. 1652-1, "Għażla dinamika tal-frekwenzi fis-sistemi ta' aċċess mingħajr fil-inkluż in-networks taż-żoni lokali bir-radju għall-iskop li jiġi protett is-servizz ta' radjudeterminazzjoni fil-banda ta' 5 GHz".

(⁸) F'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014, ingħenji tal-ajru kbir tfisser ingħenju tal-ajru, ikklassifikat bħala ajruplan b'massa waqt it-tluu ta' aktar minn 5 700 kg, jew ħelikopter b'aktar minn magna waħda. Madankollu, l-ħelikopters b'aktar minn magna waħda huma esklużi mill-ambitu tan-noti 2 u 3.

(⁹) Il-modalitat slave u prinċipali huma definiti fl-EN 301 893 V2.1.1.

E.i.r.p medja massima għall-emissjonijiet fil-banda	1 W Eċċeżżjonijiet: — medja massima ta' 200 mW tapplika għall-installazzjonijiet fil-vetturi tat-triq.
Densità e.i.r.p medja massima għall-emissjonijiet fil-banda	50 mW/MHz fi kwalunkwe banda ta' 1 MHz
Tekniki ta' mitigazzjoni li jridu jintużaw	Kontroll tal-potenza tat-trażmettitur (TPC) u għażla dinamika tal-frekwenzi (DFS). Jistgħu jintużaw tekniki alternattivi tal-mitigazzjoni diment li mill-inqas dawn ikunu jiżguraw prestazzjoni u livell ekwivalenti ta' protezzjoni tal-ispettru biex jikkonformaw mar-rekwiżiti essenzjali korrispondenti tad-Direttiva 2014/53/UE, u diment li jirriġpettaw ir-rekwiżiti tekniċi ta' din id-Deċiżjoni.
Kontroll tal-potenza tat-trażmettitur (TPC)	It-TPC għandu jipprovd, bħala medja, fattur ta' mitigazzjoni ta' mill-inqas 3 dB fuq il-potenza tal-output massima permessa tas-sistemi; jew, jekk il-kontroll tal-potenza tat-trażmettitur ma jkun qed jintuża, l-e.i.r.p medja massima permessa u l-limitu tad-densità tal-e.i.r.p medja korrispondenti għandhom jitnaqqsu bi 3 dB.
Għażla dinamika tal-frekwenzi (DFS)	Id-DFS hija deskritta fir-Rakkmandazzjoni ITU-R M. 1652-1 biex tiġi żgurata l-operazzjoni kompatibbli mas-sistemi tar-radjudeterminazzjoni. Il-mekkaniżmu tad-DFS għandu jiżgura li l-probabbiltà li jintgħażel kanal partikolari tkun l-istess għall-kanali kollha disponibbli fil-baned 5 250-5 350 MHz u 5 470-5 725 MHz Il-mekkaniżmu tad-DFS għandu jiżgura wkoll, bħala medja, firxa kważi uniformi tat-tagħbjja tal-ispettru. Il-WAS/RLAN għandu jimplimenta għażla dinamika tal-frekwenzi li tipprovd mitigazzjoni kontra l-interferenza għar-radar li mill-inqas tkun effiċċjenti daqs id-DFS kif deskridd fl-Istandard tal-ETSI EN 301 893 V2.1.1. Il-konfigurazzjonijiet (hardware u/jew software) tal-WAS/RLAN relatati mad-DFS ma għandhomx ikunu aċċessibbli għall-utent jekk il-bdil ta' dawk il-konfigurazzjonijiet jikkawża n-nuqqas ta' konformità tal-WAS/RLANs mar-rekwiżiti tad-DFS. Dan jinkludi li (a) l-uttent ma jithallieq jibdel il-pajjiż tal-operazzjoni u/jew il-banda tal-frekwenzi operattiva jekk dan jikkawża n-nuqqas ta' konformità tat-tagħmir mar-rekwiżiti tad-DFS u (b) ma jiġi aċċettati software u/jew firmware li jikkawżaw in-nuqqas ta' konformità tat-tagħmir mar-rekwiżiti tad-DFS.

Nota 3: It-tħaddim tal-installazzjonijiet WAS/RLAN finġenji tal-ajru kbar (ħlief il-ħelikopters b'aktar minn magna waħda), ħlief fil-banda tal-frekwenzi 5 600-5 650 MHz, hu permess sal-31 ta' Diċembru 2028 b'e.i.r.p medja massima għall-emissjonijiet fil-banda ta' 100 mW.

Għandhom jintużaw tekniki għall-aċċess tal-ispettru u għall-mitigazzjoni tal-interferenzi li jipprovdu livell xieraq ta' prestazzjoni għall-konformità mar-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva 2014/53/UE. Meta t-tekniki rilevanti jkunu deskritti fi standards armonizzati jew f-partijiet minnhom, li r-referenzi għalihom ġew ippubblifikati f'il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea fkonformità mad-Direttiva 2014/53/UE, mill-inqas għandha tkun żgurata prestazzjoni ekwivalenti għal-livell tal-prestazzjoni assoċċjat ma' dawk it-tekniki.”

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Ufficċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT